Rapport Annwali 2008




Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

Volum I

# Rapport dwar l-Attività u r-Responsabbiltà Korporattiva

Rapport Annwali 2008



Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

Volum I

# Rapport dwar l-Attività u r-Responsabbiltà Korporattiva

Ir-**Rapport Annwali 2008 tal-Grupp tal-BEI** jikkonsisti fi tliet volumi separati:

- ir-Rapport dwar l-Attività u r-Responsabbiltà Korporattiva, li jippreżenta l-attività tal-Grupp tal-BEI matul is-sena li għaddiet u l-prospetti għall-ġejjieni;
- ir-Rapport Finanzjarju li jippreżenta r-rendikonti finanzjarji tal-Grupp tal-BEI, il-BEI, il-Faċilità ta' Investiment ta' Cotonou, il-Fond Fiduċjarju tal-FEMIP, il-Fond Fiduċjarju għall-Infrastruttura tal-UE-Afrika u l-FEI, flimkien mal-annessi ta' spjegazzjoni relatati;
- ir-Rapport Statistiku li, fil-forma ta' lista, jippreżenta l-proġetti ffinanzjati u s-self meħud mill-BEI fl-2008 flimkien ma' lista tal-proġetti tal-FEI. Jinkludi wkoll tabelli sommarji għas-sena u għall-aħħar ħames snin.

Ir-Rapport Annwali jinsab ukoll fuq il-websajt tal-Bank
**www.eib.org/report**

# Il-Grupp tal-BEI: ċifri statutorji ewlenin

## Bank Ewropew tal-Investiment

### *Attività fl- 2008*

*(f'miljuni ta' Euro)*

| | |
|---|---|
| Proġetti approvati | 59 292 |
| Unjoni Ewropea | 53 191 |
| Pajjiżi Msieħba | 6 101 |
| Firem | 57 625 |
| Unjoni Ewropea | 51 480 |
| Pajjiżi Msieħba | 6 145 |
| Infiq | 48 614 |
| Unjoni Ewropea | 44 229 |
| Pajjiżi Msieħba | 4 384 |
| Riżorsi miġbura (qabel skambji) | 59 497 |
| F'valuti ewlenin (EUR, GBP, USD) | 51 225 |
| F'valuti oħrajn | 8 272 |

### *Sitwazzjoni fil- 31.12.2008*

| | |
|---|---|
| Pendenzi | |
| Self mir-riżorsi tal-Bank | 350 289 |
| Garanziji approvati | 262 |
| Finanzjamenti mir-riżorsi tal-baġit | 1 593 |
| Self fuq medda ta' żmien qasir, medju u twil | 266 989 |
| Fondi tal-Bank stess | 35 718 |
| Total tal-karta tal-bilanċ | 325 761 |
| Qligħ nett għas-sena | 1 651 |
| Kapital sottoskritt | 164 808 |
| *li minnu mħallsa u ser jitħallsu* | *8 240* |

## Fond Ewropew tal-Investiment

### *Attività fl-2008*

| | |
|---|---|
| Firem | 2 552 |
| Kapital ta' riskju (32 fond) | 409 |
| Garanziji (20 attività) | 2 143 |

### *Sitwazzjoni fil-31.12.2008*

| | |
|---|---|
| Portafoll | 15 867 |
| Kapital ta' riskju – assi ġestiti (299 fond) | 3 534 |
| Garanziji – pożizzjonijiet (189 attività) | 12 333 |
| Firem akkumulati | |
| Kapital ta' riskju (299 fond) | 4 754 |
| Garanziji (189 attività) | 13 017 |
| Fondi tal-Fond stess | 1 011 |
| Total tal-karta tal-bilanċ | 1 076 |
| Qligħ nett għas-sena | 35 |
| Kapital sottoskritt | 2 865 |
| *li minnu mħallsa* | *573* |



# Werrej


## Il-Grupp tal-BEI: ċifri statutorji ewlenin 2

## Messaġġ mill-President 4

## Il-Pjan Korporattiv tal-Operat għall-2009-2011 6

## L-Attività tal-Grupp tal-BEI fl-2008 9

- ⇛ Żvilupp bilanċjat madwar l-Unjoni kollha 10
- ⇛ Tħejjija għall-ekonomija tat-tagħrif 12
- ⇛ Sostennibbiltà ambjentali 14
- ⇛ TENs: in-netwerks tat-trasport għall-Ewropa 16
- ⇛ Appoġġ għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju 18
- ⇛ Enerġija sostenibbli, kompetittiva u affidabbli għall-Ewropa 20
- ⇛ Il-mandati tal-Bank barra mill-Unjoni Ewropea 23
- ⇛ L-attivitajiet ta' self tal-BEI: emittent ewlieni ta' dejn internazzjonali ta' klassi sovrana 28

## Governanza Korporattiva 30

- ⇛ Ir-Responsabbiltà Korporattiva tal-BEI 31
- ⇛ Footprint ambjentali u ħidma responsabbli 32
- ⇛ Ħidma ma' oħrajn 34
- ⇛ Trasparenza u responsabbiltà 36
- ⇛ Korpi mwaqqfa taħt l-Istatut tal-BEI 38
- ⇛ Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI 42
- ⇛ Tabella tal-Organizzazzjoni 43
- ⇛ Korpi mwaqqfa taħt l-Istatut tal-FEI 44

# Messaġġ mill-President

Il-kriżi finanzjarja għandha impatt drammatiku mhux biss fuq is-settur finanzjarju iżda wkoll fuq l-ekonomija kollha, li tolqot għadd ta' rġiel u nisa f'kull wieħed mill-pajjiżi tagħna.

Għalhekk huwa normali li l-azzjonisti tagħna, is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, talbuna biex naħdmu aktar u b'aktar ħeffa biex ngħinu lill-intrapriżi u ninkoraġġixxu l-irkupru ekonomiku. Matul l-aħħar tliet xhur tal-2008, il-BEI żied b'mod konsiderevoli l-volum ta' self tiegħu, fejn il-firem fl-aħħar żdiedu għal 57 biljun euro, jiġifieri żieda ta' 21% meta mqabbla mal-2007. Matul l-istess perjodu, dan qassam 10 biljuni aktar milli kien previst, fejn l-infiq laħaq 49 biljun fl-aħħar tas-sena. B'mod partikolari s-self għall-SMEs, fuq talba tal-Kunsill Ecofin, żdied b'42% meta mqabbel mal-2007.

Bis-saħħa tat-tmexxija prudenti tiegħu, il-BEI kien milqut ftit biss mill-kriżi finanzjarja; fil-fatt irnexxilu jżid bi ftit il-qligħ annwali tiegħu. Il-fondi proprji tal-Bank żdiedu b'6.9% biex laħqu 36 biljun. Skont ir-regoli ta' Basel II, dan ifisser proporzjon ta' suffiċjenza kapitali ("capital adequacy ratio") ta' 35.5%. Dan il-livell partikolarment għoli juri s-saħħa finanzjarja tal-BEI, saħħa li hija meħtieġa fi żminijiet diffiċli u imprevedibbli u f'mument fejn il-BEI qiegħed jintalab mill-azzjonisti tiegħu biex isellef ħafna aktar.

Barra minn hekk, dawn fehmu l-interess li jsaħħu aktar il-BEI billi antiċipaw żieda fil-kapital ta' 67 biljun, li għall-bidu kienu previsti għall-2010. Sa mill-1 ta' April 2009, il-kapital tal-BEI huwa ta' 232 biljun, li jagħtih l-marġni meħtieġ biex iżid il-volum ta' self tiegħu sal-grad meħtieġ mill-kobor tal-kriżi.

Ovvjament, dan ma jfissirx li nistgħu niffinanzjaw kollox u kull ma' jkun. Il-BEI, bħala strument ta' finanzjament fuq żmien twil tal-Unjoni Ewropea, jista' jiffinanzja biss proġetti vijabbli li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Unjoni u li jissodisfaw il-kriterji tagħna ta' kwalità teknika, ekonomika u ambjentali.

Fir-rigward tal-governanza, il-BEI jirrispetta r-regoli tal-Unjoni Ewropea u d-direzzjonijiet mogħtija mill-G-20. Il-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, il-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tagħmel parti integrali mill-ħidma ta' analiżi u tkomplija ta' proġetti. Għal ċerti pajjiżi li jippreżentaw riskji akbar, jintalbu l-opinjonijiet ta' "Transparency International". L-Uffiċċju għall-Konformità jagħti attenzjoni partikolari għal dawn l-aspetti; l-opinjoni tiegħu tiġi meqjusa bis-serjetà u dan kultant ifisser li proġett ma jiġix iffinanzjat. Wara t-talba tal-G-20, il-BEI iddeċieda li jirrevedi l-politika tiegħu fir-rigward taċ-ċentri "offshore", b'koperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn.

Ir-remunerazzjoni tal-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija hija allinjata b'mod strett fuq dik tal-membri tal-Kummissjoni Ewropea. Ma jiżdied ebda bonus, u ebda benefiċċju ieħor. Il-membri tal-persunal jibbenefikaw minn sistema ta' primjums marbuta mal-prestazzjoni kollettiva u individwali. Il-baġit totali tal-primjums huwa ddeterminat skont il-grad ta' twettiq ta' għadd ta' objettivi, l-"indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni", stabbiliti kull sena mill-Bord tad-Diretturi. Għall-uffiċjali eżekuttivi, il-primjum jirrappreżenta minn 2.38 għal 3.90 xhur tas-salarju bażiku, jiġifieri inqas minn terz tas-salarju annwali.

Hekk kif ninsabu ffaċċjati bil-kriżi, huwa possibbli li jkun hemm żewġ reazzjonijiet: jew "kulħadd għal rasu" jew il-koperazzjoni msaħħa u prattika għall-benefiċċju ta' kulħadd. L-azzjonisti tal-BEI għażlu t-tieni waħda; aħna nixtiequ nagħtu l-kontribut tagħna.

**Philippe Maystadt**
**President**
**tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment**




La banque des
projets européens

# Il-Pjan Korporattiv tal-Operat għall-2009-2011

**Il-pjan dettaljat tal-attività tan-negozju tal-BEI għas-snin li ġejjin huwa spjegat f'dokument disponibbli għall-pubbliku: il-Pjan ta' Attività tal-Bank, li jkopri s-snin 2009-2011. Fuq talba tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN), u l-azzjonisti tiegħu, l-attivitajiet tal-Bank ser jitmexxew mill-ħtieġa li jipprovdi rispons flessibbli għall-kriżi fis-settur bankarju u b'mod aktar ġenerali għall-kriżi ekonomika fl-Unjoni Ewropea.**

Fil-prattika, dan ifisser li l-Grupp tal-BEI qiegħed iżid l-attivitajiet tiegħu u qed jagħmel dan b'pass imgħaġġel. Meta mqabbel mal-livelli ta' tislif tas-snin preċedenti, il-Bank qed jimmira li **jżid il-volum totali ta' tislif tiegħu b'xi 30%** għal madwar EUR 66-67 biljun fl-2009 u l-2010.

L-attenzjoni tal-BEI fl-Unjoni Ewropea u l-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni ser tibqa' kostanti. L-objettivi strateġiċi tal-Bank jirriflettu l-objettivi tal-politika tal-UE f'sitt oqsma speċifiċi: Koeżjoni u Konverġenza Ekonomika u Soċjali; Implimentazzjoni tal-Ekonomija tat-Tagħrif; Żvilupp tan-Netwerks Trans-Ewropej (TENs); Appoġġ għall-Intrapriżi ta' Daqs Żgħir u Medju; Ħarsien u Titjib tal-Ambjent u Promozzjoni ta' Komunitajiet Sostenibbli; u Appoġġ għal Enerġija Sostenibbli, Kompetittiva u Affidabbli.



It-tislif lill-kumpaniji ta' daqs żgħir u medju permezz ta' intermedjarji finanzjarji ser jiżdied b'50% fuq is-sentejn li ġejjin – EUR 2.5 biljun aktar fis-sena – u ser tiġi żviluppata linja ġdida ta' prodotti fejn ikun permess il-qsim tar-riskju ma' banek intermedjarji. Tislif addizzjonali għall-enerġija u għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima ser jammonta għal EUR 6 biljun fis-sena. Dan jinkludi Faċilità Ewropea għal Trasport Nadif għall-industriji tal-karozzi u ta' trasport ieħor, il-fabbrikanti tagħhom tat-tagħmir oriġinali u l-fornituri tal-komponenti. Il-faċilità ser timmira għal tnaqqis sinifikanti tas-$CO_2$ permezz tan-nefqa fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, kif ukoll assi tanġibbli f'impjanti relatati ta' infrastruttura u produzzjoni. Peress illi hemm ir-riskju li l-kriżi jkollha impatt sproporzjonat fuq ċerti Stati Membri, il-Bank ser iżid it-tislif tiegħu ta' konverġenza b'EUR 2.5 biljun aktar fis-sena. Parti mill-fondi addizzjonali ser imorru għal linji ta' kreditu għas-settur bankarju lokali biex jiġu mislufa lill-SMEs fir-reġjuni ta' konverġenza.

Fl-istess ħin, il-Bank ser ikompli bl-istrateġija tiegħu li jieħu **aktar riskju** b'mod kontrollat **għal aktar valur miżjud**. Billi jsaħħaħ il-prodotti u l-proċessi tiegħu fi ħdan il-qafas tas-sitt objettivi prijoritarji li jeżistu u billi jingħaqad mal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, il-Bank jista' u ser iżid sostanzjalment il-valur miżjud tal-attivitajiet tiegħu permezz ta' interventi mmirati b'mod sistematiku, fosthom it-tislif, l-assistenza teknika, is-sħubijiet, il-provvediment ta' prodotti assoċjati mal-innovazzjoni, aktar orjentazzjoni lejn il-klijent



## Ir-rispons tal-Grupp tal-BEI għall-iżviluppi reċenti fis-sitwazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea

(L-ammonti kollha f'biljuni ta' Euro)

| | | Appoġġ annwali tal-Grupp tal-BEI | | | Appoġġ tal-Grupp tal-BEI matul il-perjodu kopert | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Perjodu kopert | Previst oriġinarjament | Addizzjonali | Total | Previst oriġinarjament | Addizzjonali | Total |
| SMEs | 2008-2011 | 5.0 | 2.5 | 7.5 | 20.0 | 10.0 | 30.0 |
| Mid-caps | 2009-2010 | - | 1.0 | 1.0 | - | 2.0 | 2.0 |
| Enerġija, bidla fil-klima, infrastruttura | 2009-2010 | 12.4 | 4.0 | 16.4 | 24.8 | 8.0 | 32.8 |
| Trasport nadif | 2009-2010 | 2.0 | 2.0 | 4.0 | 4.0 | 4.0 | 8.0 |
| Tislif ta' konverġenza | 2009-2010 | 17.0 | 2.5 | 19.5 | 34.0 | 5.0 | 39.0 |
| Riżerva ta' flessibbiltà | 2009-2010 | - | 3.0 | 3.0 | - | 6.0 | 6.0 |
| **Total** | | | **15.0** | | | **35.0** | |

u preżenza lokali. Din l-istrateġija teħtieġ attivitajiet komplessi. Il-Bank jaħdem ma' partijiet ekonomiċi ġodda biex jippromwovi proġetti ta' investiment li huma vijabbli kemm ekonomikament kif ukoll finanzjarjament. Ir-riskji assoċjati huma evalwati fuq bażi kontinwa sabiex ikun żgurat li hemm il-politiki, il-proċeduri u r-riżorsi meħtieġa biex dawn ikunu amministrati b'mod effettiv u effiċjenti sabiex jilħqu l-isfidi tal-miri tal-produzzjoni.

Iż-żieda qawwija fit-tislif ġewwa l-Unjoni Ewropea mhijiex ser tkun għad-detriment tal-attivitajiet tal-Bank **barra mill-UE**, fejn huwa jkompli jimplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2006 dwar il-Mandati Esterni tal-Bank u l-Ftehim rivedut ta' Sħubija ta' Cotonou, f'aktar minn 150 pajjiż. L-objettivi strateġiċi jvarjaw minn appoġġ għal qabel l-adeżjoni, għal żvilupp fis-settur privat, fis-settur finanzjarju u fl-infrastruttura, affidabbiltà fil-provvista tal-enerġija, sostennibbiltà ambjentali u appoġġ għall-preżenza tal-UE.

L-**attivitajiet ta' self** tal-BEI iridu jikbru id f'id mal-objettivi tiegħu għat-tislif. Fl-2009, il-Bank għandu l-ħsieb li jiġbor EUR 70 biljun fis-swieq kapitali. Dan huwa paragunabbli għal total ta' self ta' EUR 59.5 biljun fl-2008. Ser tkun sfida pjuttost kbira għall-Bank

### Proġetti approvati, kuntratti ffirmati u nfiq (2004-2008)

(biljuni ta' Euro)




biex jiġbor dawn il-fondi addizzjonali f'dak li bħalissa huwa ambjent ta' finanzjament imħarbat sew.

Il-miri addizzjonali tat-tislif ukoll ikollhom impatt fuq **il-kapital tal-BEI**, li bħalissa huwa qrib għal EUR 165 biljun. Il-koeffiċjent ta' dejn tal-Bank ta' 250% ma jagħmilx provvediment għat-tkabbir żejjed previst.



Il-Bord tad-Diretturi tal-BEI

Għaldaqstant, l-azzjonisti tal-Bank – l-Istati Membri – iddeċidew favur żieda fil-kapital f'April 2009. Il-kapital sottoskritt imbagħad jiżdied għal EUR 232 biljun. Bħas-soltu, il-parti mħallsa tal-kapital tkun 5% tal-kapital sottoskritt. Iż-żieda fil-kapital imħallas issir permezz ta' trasferiment mir-riżervi addizzjonali tal-BEI, jiġifieri mhux ser ikun hemm piż żejjed fuq il-baġits tal-Istati Membri. Iż-żieda fil-kapital u l-prestazzjoni finanzjarja soda tal-Bank (il-profitti netti fl-2008 kienu ta' EUR 1.65 biljun) ser tiżgura li dan jista' jopera fuq bażi soda u jimpenja ruħu bis-sħiħ fil-ħidma għall-irkupru ekonomiku fl-Ewropa.

# L-Attività tal-Grupp tal-BEI fl-2008



# Żvilupp bilanċjat madwar l-Unjoni Ewropea kollha

**Il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE tikkonsisti fi tliet pilastri: konverġenza, kompetittività reġjonali u xogħol, u koperazzjoni territorjali Ewropea. L-objettiv tal-konverġenza – li jkun stimolat it-tkabbir sabiex tinkiseb il-konverġenza fl-ifqar reġjuni tal-Unjoni – jingħata appoġġ qawwi mill-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni u huwa mira ewlenija għall-BEI. Fl-2008, il-Bank silef EUR 21 biljun għal proġetti ta' konverġenza, jiġifieri 41% tat-tislif totali tal-BEI fl-UE.**

Il-Bank ikkonċentra t-tislif ta' konverġenza tiegħu fuq ir-**reġjuni ta' konverġenza** li ġew identifikati mill-ġdid, kif definiti taħt il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għall-2007-2013. Dawn huma l-ifqar 113 reġjun fl-UE-27, b'popolazzjoni ta' 190 miljun. Barra t-EUR 347 biljun f'għotjiet li ser ikunu disponibbli permezz tal-Fondi Strutturali matul il-perjodu ta' seba' snin li huwa kopert mill-Politika ta' Koeżjoni, il-Bank qed jimmira li jipprovdi appoġġ addizzjonali u sinerġetiku stmat għal 40% tat-tislif totali annwali fis-snin li ġejjin. Barra dan, bħala parti mill-pakkett ta' miżuri biex jaffronta l-kriżi finanzjarja u ekonomika, il-BEI għandu l-ħsieb li jappoġġa ċerti Stati Membri li ġew milquta b'mod sproporzjonat mill-kriżi finanzjarja billi jżid it-tislif ta' konverġenza tiegħu għar-reġjuni l-aktar fqar b'EUR 2.5 biljun aktar kemm fl-2009 u l-2010. Dan diġà qed iseħħ fl-Istati Membri l-ġodda, fejn taħlita ta' tislif tal-BEI u finanzjament internazzjonali ieħor hija mmirata speċifikament lejn intrapriżi ta' daqs żgħir u medju fir-reġjuni.

### Konverġenza fl-UE

Tqassim tas-self iffirmati fl-2008 skont is-settur

(miljuni ta' Euro)

| | (miljuni ta' Euro) | % |
|---|---|---|
| Infrastruttura tal-komunikazzjonijiet | 8 518 | 48 |
| Enerġija | 2 297 | 13 |
| Żvilupp urban | 2 131 | 12 |
| Ilma, sanità, skart | 1 455 | 8 |
| Saħħa, edukazzjoni | 1 347 | 8 |
| Industrija | 1 170 | 7 |
| Servizzi oħrajn | 909 | 5 |
| Self individwali totali | 17 827 | 100 |
| Linji ta' kreditu f'reġjuni ta' konverġenza | 3 192 | |

It-**Tislif tal-Programmi Strutturali** – fejn il-BEI jikkofinanzja programmi strateġiċi ta' investiment għall-perjodu 2007-2013 li huma appoġġati mill-Fondi Strutturali tal-UE u implimentati primarjament fir-reġjuni ta' konverġenza – mexa b'pass aktar mgħaġġel fl-2008, bl-approvazzjoni ta' 11-il attività li jiswew EUR 4.6 biljun għas-sena meta mqabbla ma' EUR 3.5 biljun fl-2007, li juri żieda aktar notevoli meta mqabbla mal-perjodu 2000-2006 meta dan it-tip ta' tislif laħaq total ta' EUR 4.8 biljun.

Eżempju ċar ta' dan it-tip ta' koperazzjoni mal-Fondi Strutturali fl-2008 huwa s-self ta' EUR 1 biljun li kkofinanzja l-kontribuzzjoni nazzjonali tar-Rumanija għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet u miżuri ta' investiment b'fondi tal-UE matul il-perjodu 2007-2013. Il-proġetti prijoritarji huma b'mod partikolari fis-setturi tal-infrastruttura tat-trasport u tal-ambjent, fosthom il-ħarsien ta' żoni ta' konservazzjoni tan-natura, l-enerġija u l-ġestjoni tad-drenaġġ. Hija prevista assistenza teknika għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti individwali, biex b'hekk tikkumplimenta l-attivitajiet upstream tat-tħejjija ta' proġetti mmexxija minn JASPERS. Karatteristika speċjali tas-selfa hija l-possibbiltà li jkun hemm nefqa bil-quddiem ta' EUR 250 miljun sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula.

Minħabba n-natura tat-tislif ta' konverġenza bħala prijorità tal-BEI, id-daqs u l-ambitu tal-interventi tal-Bank ivarjaw b'mod wiesgħa. **Fis-setturi kollha tal-ekonomija**, il-Bank jista' jkopri investiment ta' daqs żgħir u medju fir-reġjuni u proġetti individwali akbar, jew jipprovdi self ta' qafas li jkopru għadd ta' investimenti f'ħafna setturi differenti. Tabilħaqq,





ħafna mis-self fir-reġjuni ta' konverġenza jappoġġa prijoritajiet oħrajn ukoll. Fl-UE fl-2008, 36% tat-tislif individwali bħala appoġġ għall-iżvilupp tal-ekonomija tat-tagħrif ingħata lil reġjuni ta' konverġenza, bħal 44% tat-tislif immirat għat-titjib tal-ambjent, 53% tat-tislif għan-netwerks tat-trasport trans-Ewropej u 49% ta' tislif għal proġetti tal-enerġija.

**JASPERS** (Assistenza Konġunta fis-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej) hija strument ewlieni ta' koperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-BEI, il-BERŻ, u mill-2008, il-KfW Bankengruppe. It-tim tal-JASPERS, li huma magħmul minn kważi 60 espert, uħud issekondati mill-istituzzjonijiet tagħhom, jgħin lit-12-il Stat Membru l-ġdid biex jippreżentaw proġetti vijabbli u għaldaqstant ikollhom aċċess b'mod aktar mgħaġġel u effiċjenti għall-għajnuna sostanzjali ta' għotjiet disponibbli mill-Fondi Strutturali. It-tim jopera mill-kwartieri ġenerali tal-Bank fil-Lussemburgu kif ukoll minn bosta uffiċċji reġjonali. Fl-2008, JASPERS temmet 82 proġett ġdid u pprovdiet assistenza kontinwa lil madwar 280 proġett li, ladarba approvati mill-Kummissjoni Ewropea, ser jassorbu investiment ta' EUR 51 biljun. Sa mill-bidu nett fl-2006, saret enfasi fuq it-titjib ta' netwerks tat-trasport, titjib ambjentali u investimenti li jtejbu l-effiċjenza tal-enerġija u l-użu ta' enerġija rinnovabbli.

# Tħejjija għall-ekonomija tat-tagħrif

**It-twaqqif ta' soċjetà kompetittiva, innovattiva u bbażata fuq it-tagħrif, b'kapaċità ta' tkabbir sostenibbli, li toħloq aktar xogħol u xogħlijiet aħjar u koeżjoni soċjali akbar – l-objettiv ambizzjuż tal-Aġenda ta' Liżbona – issa ġie megħlub mill-kriżi finanzjarja u ekonomika li laqtet lill-Unjoni Ewropea fit-tieni nofs tal-2008. Madankollu, il-BEI kien kapaċi jżid it-tislif tiegħu għal investiment għall-ġejjieni fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, li laħaq EUR 12.4 biljun meta mqabbel ma' EUR 10.3 biljun fl-2007.**

Issa speċjalment, huwa importanti li jiġi stimolat l-investiment fuq żmien twil f'dawk l-**oqsma tal-ekonomija li jkunu ta' benefiċċju għall-ġenerazzjonijiet futuri** u mhux jitħallew mgħobbija b'dejn għal investiment li huwa ta' benefiċċju fuq żmien qasir biss.

L-involviment tal-BEI fl-ekonomija tat-tagħrif imur lura għas-sena 2000. Il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona f'Marzu 2000 stieden lill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment biex iżidu l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI), l-edukazzjoni, u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT). Il-Bank malajr irreaġġixxa billi pprovda li l-iżvilupp tal-ekonomija tat-tagħrif ikun wieħed mill-objettivi prijoritarji tiegħu. Hekk kif żviluppa l-kompetenza u l-esperjenza f'dan il-qasam, it-tislif tal-Bank ffoka ħafna aktar fuq proġetti ta' valur ogħla f'teknoloġiji li jistħoqqilhom appoġġ fuq livell tal-UE. F'dan il-kuntest, l-esperjenza miksuba kienu strumentali għat-tnedija fl-2007, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, tal-**Faċilità Finanzjarja għall-Qsim tar-Riskju**. Din l-iskema għall-qsim tar-riskju tal-kreditu tippermetti lill-Bank biex jiffinanzja proġetti ta' teknoloġija avvanzata ta' promoturi bi profil ta' riskju baxx jew ta' grad ta' investiment ta' livell baxx u hija speċjalment adattata għal finanzjament ta' riċerka u żvilupp ta' riskju għoli.



Hekk kif il-kriżi xterdet, deher li l-prodotti finanzjarji għall-qsim tar-riskju kienu ppreżentati fil-ħin opportun. Fl-2008, il-BEI offra EUR 1 biljun f'self ta' qsim tar-riskju. Intrapriżi privati li ma kellhomx aktar aċċess għal finanzjament mis-sieħba bankarji tradizzjonali tagħhom jew fi swieq kapitali bbenefikaw mill-offerta finanzjarja tal-BEI, li hija r-raġuni għal parti miż-żieda fit-tislif għall-ekonomija tat-tagħrif fl-2008. Minn mindu tnediet l-iskema għall-qsim tar-riksju kien hemm tixrid pjuttost bilanċjat tat-tislif fuq is-settur tax-xjenzi tal-ħajja, l-enerġija, l-inġinerija, l-investiment fl-ICT, u l-linji ta' kreditu għall-qsim tar-riskju lil intermedjarji finanzjarji li jappoġġaw SMEs ta' teknoloġija avvanzata.

Aktar kmieni fl-2008, il-Kunsilli Ewropej kienu diġà wasslu għat-tfassil ta' Strateġija ta' Liżbona mġedda, li timmira speċifikament biex tindirizza d-defiċit importanti fl-ekonomija tal-UE, bħan-nuqqasijiet fit-tagħlim tul il-ħajja, l-infiq tar-R&Ż, l-SMEs, u l-enerġija u l-bidla fil-klima, li huma l-oqsma fejn il-benefiċċji fuq żmien twil huma sostanzjali. Fil-Laqgħa Annwali tiegħu ta' Ġunju 2008 il-Bord tal-Gvernaturi tal-BEI ddeċieda li l-kontribut tal-Bank għat-twaqqif tal-ekonomija tat-tagħrif għandu jibqa' għaddej. Il-punt fokali attwali tat-tislif tal-BEI



## Ekonomija tat-tagħrif

### Self iffirmat*

(miljuni ta' Euro)

| | 2008 | 2000-2008 |
|---|---|---|
| Riċerka u Żvilupp | 7 142 | 37 216 |
| Edukazzjoni u taħriġ | 2 599 | 15 421 |
| Innovazzjoni u infrastruttura tal-ICT | 2 081 | 14 028 |
| Total | 12 432 | 68 421 |

**NB. Mhux is-self kollu jiġi assenjat għal sottokategorija. Għaldaqstant, it-total tas-sottokategorija mhuwiex ugwali għat-total tas-self individwali.*

huwa fuq it-"**Trijanglu tat-Tagħrif**", kunċett li jorbot l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni – kull wieħed fil-quċċata ta' trijanglu – fejn l-edukazzjoni u r-riċerka huma prerekwiżiti għall-innovazzjoni. Għalkemm il-kuntest ekonomiku immedjat jeħtieġ azzjoni fuq żmien qasir, tidher ċara l-importanza ta' attivitajiet u investimenti intanġibbli, bħal riformi fl-edukazzjoni ogħla, mobbiltà ta' riċerkaturi, R&Ż, drittijiet tal-proprjetà intellettwali, eċċ għal tkabbir ekonomiku fuq żmien twil. Speċjalment issa fis-sitwazzjoni preżenti fejn il-qgħad qed jikber b'mod mgħaġġel, l-azzjonijiet biex issaħħu t-Trijanglu tat-Tagħrif fl-aħħar mill-aħħar ser jgħinu fil-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza.

Imqassam fit-tliet komponenti ewlenin tiegħu, il-finanzjament tal-Bank fl-2008 ta' EUR 12.4 biljun b'appoġġ għall-ekonomija tat-tagħrif kien magħmul minn EUR 7.1 biljun għar-R&Ż, EUR 2.6 biljun għall-edukazzjoni u t-taħriġ, u EUR 2.1 biljun għall-applikazzjoni u t-tixrid tal-innovazzjoni. Il-Bank appoġġa investiment f'bosta pajjiżi tal-UE kif ukoll fit-Turkija, is-Serbja u l-Iżrael.

# Sostennibbiltà ambjentali

**Mad-dinja kollha l-Bank appoġġa proġetti ta' sostennibbiltà ambjentali bi kważi EUR 18-il biljun f'self individwali fl-2008. Fl-Unjoni Ewropea, EUR 15.7 biljun marru għal 127 proġett ambjentali li jinkludew investiment fil-ħarsien tan-natura u l-bijodiversità, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, l-użu sostenibbli ta' riżorsi, il-ġestjoni tal-iskart, il-promozzjoni ta' komunitajiet sostenibbli, is-saħħa pubblika u t-trasport urban.**

Għat-tislif kollu tiegħu, il-Bank jiżgura li l-proġetti li jiffinanzja huma konformi mal-prinċipji u l-istandards ambjentali tal-UE – li huma b'saħħithom daqs dawk li jinsabu f'kull parti oħra tad-dinja. Biex jenfasizza dan, il-BEI ngħaqad mal-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, il-BERŻ, il-Bank Nordiku tal-Investiment u l-Korporazzjoni Nordika għal Finanzjament Ambjentali, li lkoll huma tal-istess opinjoni u li fl-2008 flimkien ippubblikaw dokument waħdieni ta' referenza dwar il-leġiżlazzjoni, il-prinċipji u l-istandards ambjentali tal-UE.



**Self individwali**

**2004-2008: EUR 67.9 biljun**




Fl-2008 kien hemm ukoll it-tfassil ta' "**Dikjarazzjoni tal-BEI ta' Prinċipji u Standards Ambjentali u Soċjali**" ġdida. Din id-dikjarazzjoni l-ġdida hija r-riżultat ta' sena ta' konsultazzjoni pubblika u diskussjonijiet intensivi ma' partijiet interessati interni u esterni. Din tipprovdi sens ħafna akbar ta' urġenza dwar il-problemi tal-bidla fil-klima, tespandi d-dimensjonijiet soċjali tal-iżvilupp sostenibbli u tirrikonoxxi l-importanza tal-bijodiversità.

Fl-għażla tal-proġetti ambjentali li jappoġġa l-Bank, l-objettiv huwa li jkunu promossi investimenti speċifiċi li **jħarsu u jtejbu l-ambjenti naturali u mibnija u jrawmu benesseri soċjali**, b'appoġġ tal-politika tal-UE kif spjegata fis-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali "Ambjent 2010: il-ġejjieni tagħna, l-għażla tagħna". Barra mill-Unjoni, l-għan predominanti huwa l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli għall-ambjent fil-pajjiżi msieħba.

Fil-Polonja l-Bank iffinanzja l-modernizzazzjoni tas-sistema tad-drenaġġ ta' Varsavja. L-iskemi



tad-drenaġġ tal-proġett ser inaqqsu t-tagħbija tat-tniġġis li joriġina mit-825 000 abitant li joqogħdu fuq ix-xatt tax-xellug tax-Xmara Vistula u jżidu l-livelli ta' trattament tad-drenaġġ mis-690 000 l-oħra li joqogħdu fuq ix-xatt tal-lemin. L-investiment jagħmel parti minn programm internazzjonali intiż biex inaqqas it-tniġġis tax-Xmara Vistula u l-Baħar Baltiku fejn il-Bank huwa parteċipant ewlieni. Fir-Renju Unit, ingħata self għall-iżvilupp u t-tħaddim ta' impjant tar-riħ fuq il-baħar lil hinn mill-kosta ta' Clacton-on-Sea, Essex, li jiġġenera 172 MW ta' elettriku biex iforni n-netwerk pubbliku.

Sar progress ukoll f'oqsma oħrajn ta' politika. Ġie żviluppat abbozz ta' sett ta' linji gwida għall-finanzjament ta' digi, ibbażat fuq prassi internazzjonali tajba, u bħalissa għaddej minn perjodu ta' prova. Il-**politika ta' tislif tal-Bank fis-settur tal-ilma** ġiet aġġornata biex din tkun konformi mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tal-UE. Din hija l-iktar parti sostanzjali ta' leġiżlazzjoni dwar l-ilma li qatt kellha sa issa l-KE, li tiġbor fiha d-direttivi kollha eżistenti dwar l-ilma u tiġbor kemm l-għan ambjentali ta' "stat tajjeb għall-ilma kollu" u l-prinċipju tal-ippjanar u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma b'mod integrat fi ħdan kuntest ta' baċir ta' xmara. Fl-aħħar nett, fil-qasam tal-bijodiversità, il-BEI qiegħed jaħdem fuq l-iżvilupp ta' fond ta' ekosistema u l-appoġġ għal intrapriżi ta' daqs żgħir u medju li jħaddnu l-bijodiversità.

Fit-tmiem l-2008, b'rispons għall-kriżi finanzjarja u ekonomika, il-BEI waqqaf ukoll il-Faċilità Ewropea għal Trasport Nadif li hija marbuta mal-Aġenda ta' Liżbona. Taħt din il-faċilità, li bħalissa tammonta għal EUR 4 biljun fis-sena, il-Bank jappoġġa proġetti ta' investiment intiżi għal RŻI fit-tnaqqis ta' emissjonijiet u effiċjenza tal-enerġija fl-industrija Ewropea tat-trasport. Din tkopri l-industrija tal-karozzi – kemm il-fabbrikanti tal-karozzi u l-fornituri, l-industriji tal-ferrovija, tal-ajruplani u tal-vapuri kif ukoll l-infrastruttura marbuta ma' dawn. Dan huwa qasam li fih il-BEI huwa diġà attiv, iżda l-envelopp ta' tislif speċjali biex ikun stimolat l-investiment huwa ġdid.

Ta' min isemmi b'mod speċjali l-JESSICA (Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni Urbani) għall-irwol fil-promozzjoni tal-aġenda soċjali tal-BEI. Hija inizjattiva żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bank, b'kollaborazzjoni mal-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, li tagħti lill-Istati Membri l-għażla li jużaw ftit mill-għajnuna tagħhom tal-Fondi Strutturali tal-UE għal investimenti ripagabbli fi **proġetti urbani sostenibbli**. JESSICA teħtieġ it-twaqqif ta' qafas istituzzjonali proprju u t-twaqqif ta' strumenti għall-inġinerija finanzjarja. F'xi Stati Membri dan il-proċess avvanza tant li l-ewwel attivitajiet ta' JESSICA huma mistennija fl-2009.

### Ħarsien tal-ambjent u l-komunitajiet sostenibbli

**Self individwali ffirmat fl-2008***

(miljuni ta' Euro)

| | Total |
|---|---|
| **Ħarsien tal-ambjent** | **7 770** |
| Nittrattaw il-bidla fil-klima | 2 997 |
| Ġestjoni tar-riżorsi naturali | 826 |
| Titjib tal-ambjent u tas-saħħa | 3 847 |
| **Komunitajiet sostenibbli** | **7 890** |
| Tiġdid u riġenerazzjoni urbana | 2 062 |
| Trasport sostenibbli | 4 741 |
| Kura tas-saħħa | 1 087 |
| **Total ta' self individwali** | **15 660** |

**NB. Mhux is-self kollu jiġi assenjat għal sottokategorija. Għaldaqstant, it-total tas-sottokategorija mhuwiex ugwali għat-total tas-self individwali.*

# TENs: in-netwerks tat-trasport fl-Ewropa

**In-netwerks trans-Ewropej jiffaċilitaw il-moviment liberu ta' merkanzija u persuni, u jgħinu fl-iżvilupp ta' żoni inqas vantaġġati. It-TENs jipprovdu interkonnessjoni u interoperabilità ta' netwerks nazzjonali u infrastruttura ta' kwalità għolja għall-Unjoni Ewropea. Dawn ukoll jikkollegaw lill-UE mal-pajjiżi ġirien Ewropej tagħha: il-Pajjiżi fil-fażi tal-Adeżjoni u ġirien lejn in-Nofsinhar u l-Lvant. It-TENs prijoritarji huma wkoll wieħed miż-żewġ pilastri tal-Azzjoni Ewropea għat-Tkabbir (l-ieħor huwa r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni), l-inizjattiva tal-2003 biex jissaħħaħ il-potenzjal tat-tkabbir tal-Ewropa fuq żmien twil.**

Fl-2008, il-BEI silef EUR 9.8 biljun għal proġetti tat-trasport marbuta man-netwerks trans-Ewropej fl-Unjoni Ewropea, fejn aktar minn nofshom kienu fir-reġjuni ta' konverġenza. Ingħataw EUR 3.2 biljun għal **proġetti prijoritarji** kif definiti mill-Kummissjoni Ewropea. Din iż-żieda meta mqabbla mas-EUR 7.1 biljun mislufa fl-2007 kienet minħabba domanda ikbar mill-promoturi ta' proġetti bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi ħżiena fis-swieq u parzjalment minħabba li fl-2008 il-Bank temm proċess li permezz tiegħu seta' joffri lill-promoturi għażla ta' **prodotti finanzjarji għall-qsim tar-riskju**. Sabiex jinkoraġġixxi l-investiment fin-netwerks tat-trasport ewlenin mal-Unjoni Ewropea kollha, il-Bank issa jista' jżid l-offerti tiegħu fuq selfiet kbar b'perjodi ta' maturità twal b'rati tal-imgħax fissi u varjabbli, bi tliet tipi ta' prodott għall-qsim tar-riskju.

**Netwerks Trans-Ewropej**

**2004-2008: 47 biljun**




L-ewwel prodott huwa l-**Faċilità ta' Finanzjament Strutturat** (SFF), intiża biex tqabbel tipi ta' finanzjament tal-Bank mar-rekwiżiti ta' skemi tal-infrastruttura fuq skala kbira, li tilħaq proġetti u promoturi li preċedentement setgħu ma kkwalifikawx għal finanzjament mill-BEI. Għal dan il-għan, il-Bank iwarrab biżżejjed mir-riżervi totali tiegħu biex joħloq programm tal-SFF sinifikanti u sostenibbli bħala element prinċipali tat-tislif tal-Bank fl-oqsma ta' prijorità għolja tat-TENs, l-ekonomija tat-tagħrif u l-enerġija. L-offerta tal-SFF tikkonsisti f'self privileġġat u garanziji, finanzjament mezzanin u derivattivi li huma marbuta ma' proġetti. Fl-2008, il-Bank silef EUR 1.6 biljun għal proġetti tat-trasport taħt l-SFF, meta mqabbla ma' EUR 474 miljun fl-2007 u total ta' EUR 2.75 biljun minn meta l-SFF bdiet topera fl-2001.

It-tieni prodott huwa skema ta' garanzija. Flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, il-BEI waqqaf l-**Istrument ta' Garanzija ta' Self għall-Proġetti tat-TENs tat-Trasport** (LGTT). L-iskema ser taħdem bħal prodott mezzanin, fejn tipprovdi kopertura tar-riskji tad-dħul marbuta mal-volum ta' traffiku matul il-fażi kritika tal-bidu tal-operat tal-proġett. Huwa għodda mfassla speċifikament biex tippermetti parteċipazzjoni akbar mis-settur privat f'proġetti tat-TENs li huma esposti għal riskju tal-volum fil-bidu tal-perjodu tal-operat. L-LGTT irċieva kontribuzzjoni ta' EUR 500 miljun mill-Faċilità ta' Finanzjament Strutturat tal-BEI u allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 500 miljun mill-fondi baġitarji tal-UE matul il-perjodu 2007-2013. L-ewwel attività fil-Portugall – sħubija bejn is-settur pubbliku u l-privat (PPP) għall-estensjoni tal-awtostrada bejn





Vila Real u l-fruntiera Spanjola fi Quintanilha – intemmet fl-2008, iżda l-2009 ser tkun l-ewwel sena sħiħa ta' attivitajiet għal-LGTT u diġà tħejjiet lista twila ta' proġetti. It-TENs tat-trasport kollha promossi minn promoturi privati jew sħubijiet bejn is-settur pubbliku u l-privat fl-2008 ngħataw appoġġ finanzjarju tal-BEI mill-SFF u/jew l-iskema ta' garanzija.

L-investimenti f'ishma azzjonarji f'**fondi tal-infrastruttura** wkoll jimplikaw qsim tar-riskju. Billi jieħu sehem f'fondi tal-infrastruttura, il-BEI jmexxi r-riżorsi tiegħu u jappoġġa l-finanzjament ta' għadd ikbar ta' proġetti PPP individwali li kieku x'aktarx ma jseħħx. Fl-2008 l-Bank approva l-parteċipazzjoni f'fond ibbażat fil-Lussemburgu li huwa ffokat fuq l-investiment fi proġetti ta' trasport ta' skala ikbar, b'mod partikolari TENs tat-trasport fl-Ewropa.

Il-finanzjament għal sħubijiet bejn is-settur pubbliku u l-privat għal netwerks trans-Ewropej laħaq EUR 2.9 biljun fl-2008, meta mqabbel ma' EUR 857 miljun is-sena ta' qabel. Il-BEI akkwista esperjenza u kompetenza konsiderevoli fil-qasam ta' PPPs b'mod ġenerali u ta' PPPs tat-trasport b'mod partikolari u huwa ħerqan li jaqsam l-esperjenzi tiegħu mal-promoturi ta' proġetti. Sabiex jiffaċilita l-**qsim effettiv tal-aħjar prassi** f'dan il-qasam, il-Bank waqqaf iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri. Il-kompetenza tal-Bank hija wkoll siewja f'fora oħrajn bħall-koordinaturi tal-UE, grupp ta' sitt Kummissarji preċedenti li jippromwovi proġetti tat-trasport li huma ċentrali għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew.

# Appoġġ għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju

**Fl-2008 madwar miljun negozju ta' daqs żgħir u medju ngħataw appoġġ mill-Grupp tal-BEI. Linji ta' kreditu ġodda ma' intermedjarji finanzjarji żdiedu bi 42% għal EUR 8.1 biljun, iżda l-aktar importanti, fl-2008 tqiegħdu l-pedamenti għal qabża kbira għall-aħjar fil-finanzjament ta' SMEs mill-BEI u l-FEI fis-snin li ġejjin.**

Is-sinsla tal-ekonomija tal-Ewropa hija magħmula minn 23 miljun intrapriża ta' daqs żgħir u medju, li jammontaw għal 99% tan-negozji fl-Unjoni Ewropea u jimpjegaw aktar minn 100 miljun persuna. Madankollu, peress illi s-settur finanzjarju fl-2008 kien taħt tensjoni qawwija u mingħajr preċedent, l-SMEs kienu wħud mill-ewwel gruppi li ntlaqtu mill-konsegwenzi tal-kriżi attwali. Mhux ta' b'xejn li l-ewwel talba lill-BEI biex jerfa' rwol kontroċikliku billi jżid it-tislif tiegħu kienet biex **iżid l-appoġġ tiegħu għall-SMEs**. Fuq din il-talba, li ġiet ippreżentata mill-Ministri tal-Finanzi tal-UE fil-laqgħa informali tagħhom f'Nizza fit-12-13 ta' Settembru 2008, il-Bank nieda l-inizjattiva tiegħu ta' Self tal-BEI għall-SMEs.

Il-BEI seta' jirreaġixxi immedjatament minħabba li fl-2007 u l-2008 kien għamel konsultazzjoni wiesgħa mal-assoċjazzjonijiet tal-SMEs, il-banek u istituzzjonijiet pubbliċi ta' appoġġ għall-SMEs

### Tislif tal-BEI għall-SMEs 2007-2008




u wasal għal konklużjonijiet fil-ħin opportun dwar riforma ewlenija tal-portafoll ta' prodotti tal-Grupp tal-BEI għall-SMEs. Bl-aktar mod prominenti, l-inizjattiva l-ġdida tas-Self tal-BEI għall-SMEs hija ffokata sabiex **tindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji kollha** tal-SMEs, sew jekk għal investimenti tanġibbli jew intanġibbli, jew għal żidiet permanenti fil-kapital ċirkolanti.

Fuq talba tal-azzjonisti tal-Bank, madwar EUR 30 biljun huma intiżi għal self għal SMEs fl-Ewropa matul il-perjodu 2008-2011. Il-bank ġie mitlub ukoll biex jirreaġixxi malajr, b'mira totali ta' mill-inqas EUR 15-il biljun għal SMEs fl-2008 u l-2009. Fl-2008, ġie konkluż Self għall-SMEs li jiswa EUR 8.1 biljun, mil-liema EUR 4.7 biljun fl-aħħar kwart tas-sena, wara l-laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi f'Nizza. Il-ftehimiet ta' self huma ma' 75 kontroparti f'16-il pajjiż u mal-kategoriji kollha tal-banek – banek tat-tfaddil, bank tal-koperattivi, banek kummerċjali u banek promozzjonali. Dan ser ikollu impatt sinifikanti fuq id-disponibbiltà ta' finanzjament għal SMEs, billi hemm fih **effett ta' lieva**: għal kull euro li l-BEI jislef lil sieħeb finanzjarju, is-sieħeb irid juri li huwa estenda żewġ euro ta' kreditu ġdid lil SMEs. Barra dan, l-inizjattiva l-ġdida ta' Self għall-SMEs ittejjeb il-kundizzjonijiet finanzjarji għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju: l-intermedjarji jimpenjaw ruħhom li jgħaddu ammont miftiehem ta' benefiċċji finanzjarji lil kull benefiċjarju aħħari. Fl-aħħar nett, l-intermedjarju għandu l-obbligu li jinforma lill-SME li tirċievi bl-irwol tal-BEI fil-finanzjament. L-intermedjarji bdew jallokaw it-EUR 8.1 biljun lill-SMEs, iżda l-biċċa l-kbira tal-fondi għad iridu jintużaw fl-2009, li kien mistenni peress illi ħafna mill-attivitajiet ġew mitmuma fl-aħħar kwart tal-2008.





Il-BEI qiegħed ukoll jesplora metodi kif jaqsam ir-riskji li l-banek jieħdu fuq il-portafolji tagħhom ta' SMEs. Huwa jagħmel dan flimkien mal-**Fond Ewropew tal-Investiment**, il-korp tal-UE speċjalizzat fil-finanzjament ta' SMEs li tiegħu l-BEI huwa proprjetarju ewlieni.

Iż-żewġ linji ewlenin ta' attività tal-FEI t-tnejn affrontaw kundizzjonijiet tas-suq mimli sfidi fil-biċċa l-kbira tal-2008. Madankollu l-impenji f'kapital ta' riskju f'fondi ta' SMEs ammontaw għal EUR 409 miljun filwaqt li attivitajiet ta' garanzija għall-portafolji tal-SMEs tal-banek ammontaw għal total rekord ta' EUR 2.1 biljun. Sadanittant, żviluppa aktar l-irwol tal-Fond fl-inizjattiva **JEREMIE**. JEREMIE toffri lill-Istati Membri tal-UE, permezz tal-Awtoritajiet Amministrattivi nazzjonali u reġjonali tagħhom, l-opportunità li jużaw parti mill-Fondi Strutturali tal-UE biex jiffinanzjaw lil SMEs permezz ta' ishma azzjonarji, self jew garanziji, permezz ta' Fondi ta' Titoli rotanti. Il-fażi ta' valutazzjoni ta' din l-inizjattiva ntemmet fl-2008 u s'issa seba' ftehimiet ta' Ġestjoni ta' Fondi ta' Titoli, għal valur totali ta' EUR 704 miljun, ġew konklużi mal-Istati Membri u r-reġjuni.

Fl-2008 tnediet ukoll JASMINE, inizjattiva pilota fuq tliet snin ta' EUR 50 miljun tal-BEI, il-FEI, l-istituzzjonijiet finanzjarji msieħba, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew biex tappoġġa l-istituzzjonijiet tal-mikrofinanza fl-Ewropa.

# Enerġija sostenibbli, kompetittiva u affidabbli għall-Ewropa

**It-tislif tal-BEI fis-settur tal-enerġija ammonta għal aktar minn EUR 10 biljun fl-2008, fejn l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija b'mod partikolari kienu fil-mira ta' inizjattivi ġodda. Dawn huma oqsma ta' attività li fihom il-Bank jista' juża l-ħiliet u s-saħħa finanzjarja tiegħu u jinkoraġġixxi lill-promoturi biex jagħmlu sforz żejjed.**

It-**tislif fl-enerġija tal-BEI isaħħaħ l-impenn tal-UE** għal tnaqqis ta' 20% tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2020 meta mqabbla mal-1990, sehem ta' 20% ta' enerġiji rinnovabbli fit-taħlita ġenerali tal-enerġija tal-UE, sehem minimu ta' 10% ta' bijofjuwils fil-petrol u d-dijżil għat-trasport u tnaqqis ta' 20% fil-konsum tal-enerġija meta mqabbla mat-tbassir bażiku għall-2020. Sabiex iwettaq dawn l-għanijiet ambizzjużi, il-Bank żied it-tislif tiegħu fl-enerġija li huwa kkonċentrat f'ħames oqsma prijoritarji: enerġija rinnovabbli; effiċjenza tal-enerġija; riċerka, żvilupp u innovazzjoni fl-enerġija; affidabbiltà u diversifikazzjoni tal-provvista interna (inklużi n-netwerks trans-Ewropej tal-enerġija); affidabbiltà tal-provvista esterna u żvilupp ekonomiku (dan tal-aħħar fil-Pajjiżi Ġirien u Msieħba). Fl-2008, il-BEI iffirma self fl-enerġija għal ammont totali ta' aktar minn EUR 8.6 biljun għal proġetti fl-Unjoni Ewropea. Barra mill-UE, ingħataw madwar EUR 1.6 biljun għal proġetti tal-enerġija fit-Turkija, il-Pajjiżi Msieħba Mediterranji, il-pajjiżi tal-AKP, l-Afrika t'Isfel, l-Indja, l-Ukraina u l-Montenegro. Is-self fis-settur tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-ipproċessar tal-enerġija rinnovabbli, ammonta għal total ta' EUR 2.2 biljun fl-2008.

### L-objettiv tal-enerġija fl-UE u l-Pajjiżi fil-fażi ta' Adeżjoni

Self individwali fl-2008

(biljuni ta' Euro)

| | Total |
|---|---|
| **TENs tal-enerġija** | **2.7** |
| **Proġetti prijoritarji tal-enerġija minbarra t-TENs** | **6.2** |
| Enerġija rinnovabbli | 2.2 |
| Effiċjenza tal-enerġija | 0.7 |
| Diversifikazzjoni u affidabbiltà tal-provvista interna | 3.1 |
| Total | 8.9 |

Fost l-investimenti li saru fl-2008, kien hemm 35 impjant fotovoltajku ta' daqs medju u konnessi man-netwerk li kienu mmuntati fuq il-bjut taċ-ċentri tal-loġistika tas-supermarkets fil-Ġermanja u Spanja. Il-Bank silef EUR 77 miljun għall-installazzjoni tagħhom u ħadem mill-qrib ma' kumpanija ta' esperjenza fil-bini ta' soqfa biex jiġi żviluppat approċċ ta' programm immirat biex jikseb tnaqqis fl-ispejjeż billi jintuża tagħmir standardizzat – approċċ li jista' faċilment jiġi dduplikat xi mkien ieħor.

Eżempju ieħor ta' inizjattivi innovattivi huwa l-"**Patt tas-Sindki**", li tnieda fil-bidu tal-2009 bil-għan li jiġu







żviluppati programmi għall-effiċjenza tal-enerġija u għal enerġija sostenibbli fil-bliet u r-reġjuni tal-Ewropa. Iż-żoni urbani għandhom potenzjal enormi biex jiffrankaw l-enerġija li jista' jitwettaq bir-rinnovament ta' bini pubbliku, it-titjib tat-trasport urban u billi tingħata għajnuna lil negozji żgħar biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa. Il-BEI huwa lest li jappoġġa investiment bħal dan u qiegħed jgħin biex jitwaqqfu programmi bħal dawn f'Pariġi, Barċellona u Milan.

Flimkien mal-Kummissjoni Ewopea u istituzzjonijiet Ewropej ta' investiment oħrajn, il-BEI qiegħed jaħdem ukoll fuq il-ħolqien tal-Fond Ewropew 2020 għall-Enerġija, il-Bidla fil-Klima u l-Infrastruttura ("il-Fond Marguerite") biex jiġu ffinanzjati proġetti kapitali u kważi-kapitali f'dawn l-oqsma u jkunu appoġġati s-suq intern tal-enerġija, l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-titjib tal-affidabbiltà interna tal-provvista

Barra mill-UE, il-BEI jopera faċilità multiannwali ta' EUR 3 biljun għas-**sostennibbiltà tal-enerġija u l-affidabbiltà tal-provvista**, biex jiffinanzja proġetti fil-Pajjiżi tal-Viċinat, l-AKP, l-Afrika t'Isfel u l-ALA. Il-BEI jamministra wkoll programmi ta' Assistenza Teknika (AT) biex jappoġġa t-tħejjija u l-operat ta' proġetti fir-reġjun tal-Mediterran, il-Balkani tal-Punent u l-AKP. Barra dan, il-Bank ħa sehem ukoll b'mod attiv fl-iżvilupp u l-ħolqien tal-Pjan ta' Enerġija mix-Xemx għall-Mediterran, kif ukoll il-Fond Globali għall-Użu Effiċjenti tal-Enerġija u l-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF), li qiegħed jiġi amministrat mill-FEI u ser jinvesti f'fondi reġjonali tal-enerġija u jimmira għal proġetti ta' daqs żgħir u medju f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u l-ekonomiji emerġenti.

Il-Bank huwa impenjat li jiżviluppa s-**swieq tal-karbonju** biex jgħin lil kumpaniji u l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi karboniċi tagħhom skont il-Protokoll ta' Kjoto, biex jappoġġa l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet u biex jippromwovi teknoloġiji aktar nodfa. F'dan ir-rigward il-Bank waqqaf tliet fondi tal-karbonju mal-BERŻ, il-Bank Dinji u l-KfW. Fl-2008 tnedew żewġ fondi ġodda inkluż il-"Fonds Capital Carbone Maroc", l-ewwel fond tal-karbonju fil-Marokk, u l-Fond ta' Kreditu tal-Karbonju Wara l-2012, flimkien ma' grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi Ewropej, imfassal biex jippromwovi s-suq tal-karbonju fuq żmien twil anke wara l-2012, wara d-data ta' skadenza tal-Protokoll ta' Kjoto.

Matul l-2009, il-Bank ser iwettaq eżerċizzju pilota biex ikejjel il-footprint tal-karbonju tal-BEI li hija konsegwenza tal-proġetti li jiffinanzja. Fuq il-bażi tal-prassi tajba eżistenti, huwa ser jittestja l-prattiċità u l-konvenjenza ta' għadd ta' miżuri tal-footprint. Ir-riżultati ser jintużaw biex titħejja proposta għal sistema komprensiva ta' kejl u rapportar għall-implimentazzjoni fl-2010.





# Il-mandati tal-Bank barra mill-Unjoni Ewropea

**Barra mill-UE, il-BEI huwa attiv f'aktar minn 150 pajjiż – il-Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati Potenzjali tal-Ewropa tax-Xlokk, il-Pajjiżi Msieħba Mediterranji, ir-Russja u l-ġirien l-oħra lejn il-Lvant, il-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, l-Ażja u l-Amerika Latina – fejn huwa jaħdem biex jimplimenta l-pilastri finanzjarji tal-politika esterna tal-UE għall-koperazzjoni u l-iżvilupp**

Il-BEI ipprovda self u garanziji fil-**Pajjiżi Kandidati** (il-Kroazja, it-Turkija u dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (FYROM)) u l-**Pajjiżi Kandidati Potenzjali** (l-Albanija, il-Bożnija u Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja u l-Kosovo). Il-bażi tal-attivitajiet tal-Bank huwa l-mandat ta' tislif estern ta' EUR 8.7 biljun mogħtija mill-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2007-2013 u l-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni tiegħu stess. Permezz tat-tislif tiegħu l-Bank irawwem il-proċess ta' integrazzjoni mal-UE f'dawn il-pajjiżi, biex b'hekk jgħinhom jissodisfaw il-kriterji ta' adeżjoni tal-UE u jħejjihom ekonomikament għas-sħubija fl-UE. Fl-2008, it-tislif totali fil-Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati Potenzjali laħaq it-EUR 3.5 biljun fosthom EUR 170 miljun fil-Kroazja. Il-Bank huwa l-aktar attiv fit-Turkija bħala pajjiż barra mill-UE. Għall-ewwel darba t-tislif hawnhekk laħaq EUR 2.7 biljun. Kien hemm tislif rekord ukoll fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent: EUR 577 miljun għal proġetti fil-FYROM, il-Bożnija u Ħerzegovina, il-Montenegro u s-Serbja, biex b'hekk it-total tal-appoġġ tal-BEI fir-reġjun tela' għal madwar EUR 3.1 biljun mill-1995.

### Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati Potenzjali

**Self provdut fl-2008**

(miljuni ta' Euro)

| | Total |
|---|---|
| It-Turkija | 2 706 |
| Il-Bożnija u Ħerzegovina | 260 |
| Is-Serbja | 257 |
| Il-Kroazja | 170 |
| Il-Montenegro | 50 |
| Il-FYROM | 10 |
| **Total** | **3 453** |









Ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Pajjiżi Msieħba Mediterranji ngħataw spinta ġdida bit-tnedija tal-Unjoni għall-Mediterran waqt samit tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern f'Pariġi f'Lulju 2008. Is-samit żied ukoll mal-missjoni tal-FEMIP – id-driegħ tal-finanzjament tal-BEI għall-Mediterran – billi għamel enfasi fuq il-ħtieġa għal investiment f'awtostradi tal-art u marittimi, pjan ambizzjuż ta' enerġija mix-xemx, u t-tindif tal-Baħar Mediterran. Fl-2008, il-FEMIP silef EUR 1.3 biljun għal 20 proġett fis-settur privat u għal infrastruttura effettiva u sistema bankarja effiċjenti. Barra l-attivitajiet ta' finanzjament tiegħu, il-FEMIP huwa wkoll forum għal riflessjoni u diskussjoni mal-pajjiżi msieħba. It-temi ewlenin għall-2008 kienu t-turiżmu fil-Mediterran, il-mikrofinanza, il-bidla fil-klima u l-kapital uman.

### Pajjiżi Msieħba Mediterranji

Self provdut fl-2008

(miljuni ta' Euro)

| | Total | ta' liema kapital ta' riskju |
|---|---|---|
| It-Tuneżija | 311 | |
| Il-Marokk | 289 | 19 |
| Is-Sirja | 277 | 2 |
| L-Eġittu | 276 | 26 |
| Il-Libanu | 52 | |
| Il-Ġordan | 37 | |
| L-Iżrael | 33 | |
| Reġjonali | 16 | 16 |
| Total | 1 290 | 62 |

B'koperazzjoni mill-qrib mal-BERŻ, il-Bank iffinanzja wkoll proġetti fir-**Russja u l-Ġirien tal-Lvant** – l-Ukraina, il-Moldova u, suġġett għal ftehim tal-Kunsill fil-ġejjieni, il-Belarus kif ukoll l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja. Tingħata prijorità biex jiġu estiżi l-assi tan-netwerks ewlenin trans-Ewropej, il-proġetti b'implikazzjonijiet transkonfinali ma' Stat Membru wieħed jew aktar u proġetti ewlenin li huma favur l-integrazzjoni reġjonali permezz ta' aktar konnettività. Għar-Russja, id-dimensjoni ambjentali hija importanti wkoll flimkien mas-settur tal-enerġija b'mod ġenerali; il-provvista strateġika tal-enerġija u proġetti tat-trasport tal-enerġija huma meqjusa ta' importanza partikolari. Is-sena li għaddiet, il-Bank wiegħed li jikkunsidra self li jiswa mill-inqas EUR 200 miljun għal investiment fl-infrastruttura u fl-enerġija fil-Ġeorġja fl-2009-2010.

### Ir-Russja u l-Ġirien tal-Lvant

Self provdut fl-2008

(miljuni ta' Euro)

| | Total |
|---|---|
| L-Ukraina | 150 |
| Il-Moldova | 20 |
| Total | 170 |



Sabiex itaffi l-faqar u jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, fl-2008 l-BEI silef EUR 561 miljun biex jappoġġa 26 proġett ta' żvilupp fl-**Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) u l-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (PTB)** taħt il-Ftehim ta' Cotonou. Tmienja minn dawn il-proġetti jippromwovu skemi transkonfinali, b'mod partikolari biex jinkoraġġixxu l-integrazzjoni reġjonali. Sabiex jipprovdi self, garanziji u kapital ta' riskju għal proġetti tal-AKP u l-PTB, il-Bank jamministra l-għajnuna rimborżabbli tal-UE mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp – il-Faċilità ta' Investiment. Il-BEI jissupplimenta l-għajnuna tal-UE b'self mir-riżorsi tiegħu stess. Il-firem tas-self taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP żdiedu għal EUR 326 miljun fl-2008. Il-proġetti tal-AKP ibbenefikaw ukoll minn EUR 225 miljun oħra f'self tal-BEI mir-riżorsi tal-Bank stess. Fil-PTB, il-BEI silef EUR 10 miljun mill-Faċilità ta' Investiment tal-PTB. Fl-2008 kien hemm ukoll żieda fl-appoġġ tal-BEI għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fir-**Repubblika tal-Afrika t'Isfel**. Il-Bank investa EUR 203 miljun fi tliet proġetti tal-Afrika t'Isfel, biex b'hekk kważi rdoppja l-attività finanzjarja tiegħu meta mqabbla mal-2007.

## L-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) u l-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (PTB)

### Self provdut fl-2008

(miljuni ta' Euro)

| | Total | ta' liema kapital ta' riskju |
|---|---|---|
| L-Afrika | 464 | 249 |
| *Tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan* | *149* | *74* |
| *Ċentrali u Ekwatorjali* | *114* | *59* |
| *Tal-Punent* | *95* | *9* |
| *Multireġjonali* | *73* | *73* |
| *Tal-Lvant* | *34* | *34* |
| Il-Karibew | 64 | 55 |
| Il-Paċifiku | 23 | 23 |
| PTB | 10 | 10 |
| **AKP-PTB** | **561** | **336** |
| **L-AFRIKA T'ISFEL** | **203** | **-** |







**Fl-Ażja u l-Amerika Latina**, il-Bank jista' jislef sa EUR 3.8 biljun fil-perjodu 2007-2013 għal investiment produttiv, il-ħarsien tal-ambjent u l-affidabbiltà tal-enerġija, filwaqt li fl-istess ħin isaħħaħ il-preżenza tal-UE f'dawk il-partijiet tad-dinja permezz tal-Investiment Dirett Barrani, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kompetenza. Fl-2008, huwa silef EUR 469 miljun għal erba' proġetti fil-Brażil, il-Messiku, il-Paragwaj u l-Indja. Fiċ-Ċina, matul is-sena ġew magħżula proġetti individwali għal finanzjament taħt is-self ta' EUR 500 miljun fil-qafas tal-ħarsien tal-ambjent provdut fl-2007. Barra dan, il-Bank żviluppa lista sħiħa ta' proġetti tal-enerġija fl-Ażja u l-Amerika Latina għal finanzjament taħt il-faċilità multiannwali ta' EUR 3 biljun b'appoġġ għas-sostenbbiltà tal-enerġija u l-affidabbiltà tal-provvista fl-2009.

## L-Ażja u l-Amerika Latina

### Self provdut fl-2008

(miljuni ta' Euro)

| | Total |
|---|---|
| **L-Amerika Latina** | **319** |
| Il-Brażil | 200 |
| Il-Paragwaj | 69 |
| Il-Messiku | 50 |
| **L-Ażja** | **150** |
| L-Indja | 150 |
| **Total** | **469** |

# L-attività ta' self tal-BEI: emittent ewlieni ta' dejn internazzjonali ta' klassi sovrana

L-attivitajiet ta' finanzjament tal-Bank kienu **sodi matul it-taqlib serju tas-suq** u l-inċertezza matul l-2008. Il-Bank ġabar ammont ta' EUR 59.5 biljun permezz ta' 247 tranżazzjoni, żieda sinifikanti meta mqabbla mal-2007 (EUR 54.7 biljun). F'Lulju 2008, b'mod parallel mat-tkabbir fil-programm tat-tislif tiegħu u l-infiq tad-dejn, il-Bank żied il-finanzjament massimu tiegħu minn EUR 55 biljun għal EUR 60 biljun. Il-Bank ġabar fondi fi 18-il valuta u ħareġ f'erba' valuti ulterjuri f'format sintetiku (irreġistrati taħt valuti oħrajn ta' ħlas).

Ir-riżultati tas-self tal-2008 kienu msaħħa bil-pożizzjoni ta' kreditu tal-aqwa kwalità tal-BEI, bbażata fuq l-appoġġ kontinwu mill-azzjonisti sovrani tal-UE, kif ukoll l-istrateġija tas-self tal-Bank. Il-flessibbiltà, id-diversifikazzjoni u l-attenzjoni għal-likwidità li huma inerenti fl-istrateġija tas-self setgħu jegħlbu l-kundizzjonijiet instabbli tas-suq matul l-ewwel disa' xhur. Fil-kundizzjonijiet imħarbta sew tas-suq minn nofs Ottubru sa tmiem is-sena, l-istrateġija appoġġat aċċess għas-suq, b'mod partikolari f'EUR, iżda wkoll permezz ta' impostamenti privati (USD) kif ukoll flussi kummerċjali.

**Volum tal-programm ta' self qabel skambji**

**2004 – 2008: EUR 262 biljun**




F'euro (**EUR**) il-Bank ġabar total ta' EUR 16.8 biljun, jew 28% tal-programm totali għas-sena, fuq 29 tranżazzjoni. Il-ħruġ ta' bonds ta' referenza denominati f'euro jew Euro Area Reference Notes (EARN) ammontaw għall-biċċa l-kbira tal-ħruġ f'euro (EUR 13-il biljun jew 78%). Tnedew EARNs ġodda li jimmaturaw fuq perjodu ta' 3 snin u 7 snin, ta' EUR 3 biljun kull wieħed. Barra dan, reġgħu nfetħu 5 EARNs eżistenti ta' EUR 1-2 biljun. Permezz ta' ħruġ ta' daqsijiet differenti u konċentrazzjoni fuq perjodi ta' maturità li jinbidlu matul is-sena l-BEI wera li qagħad attent biex **iwieġeb għad-domanda tal-investituri**. Il-ħruġ standard immirat f'EUR ammonta għal madwar EUR 3 biljun. Investituri kummerċjali ħadu sehem sinifikanti tad-domanda għal bonds immirati, b'mod partikolari fil-"Popular Bond" ta' EUR 180 miljun, fejn l-ewwel ħruġ kien kompletament sottoskritt u mqassam mill-Banco Popolare Taljan.

*It-twettiq tal-impenn tal-Investiment Soċjalment Responsabbli (ISR):* il-fondi miġbura fl-2007 permezz ta' bond innovattiv f'EUR, li kien intiż għal investituri soċjalment responsabbli, il-Bond għal Kuxjenza dwar il-Klima (Climate Awareness Bond), ntefqu kompletament matul l-2007/8 fuq proġetti li jappoġġaw il-ħarsien tal-klima, b'mod konformi mal-arranġamenti oriġinali dwar kif kellhom jintefqu l-fondi. B'kollox 14-il proġett f'sitt pajjiżi Ewropej irċevew fondi miġbura permezz ta' dan il-bond.

Fl-2008 tnedew 50 tranżazzjoni f'lira sterlina li ġabru **GBP** 6.9 biljun (EUR 8.9 biljun), jew 15% tal-programm totali tal-BEI għas-sena. Fl-2008 l-Bank seta' jżomm il-pożizzjoni tiegħu bħala l-**akbar emittent mhux gilt**. Aktar minn nofs il-ħruġ f'GBP inkiseb fl-ewwel tliet xhur tas-sena, minħabba domanda qawwija u megħjun minn kundizzjonijiet favorevoli tas-suq tal-iskambju. Fit-tieni nofs tas-sena mimli sfidi, il-Bank kien minn ta' quddiem fost il-kontropartijiet tiegħu



b'attivitajiet kontinwi ta' ħruġ ta' daqs tajjeb sal-bidu ta' Ottubru.

Fl-2008 kien hemm 55 tranżazzjoni biex jinġabar **volum rekord f'dollari Amerikani (USD)** ta' USD 35.5 biljun (EUR 25.5 biljun), li ammonta għal 43% tal-programm totali ta' finanzjament tal-Bank. Dan irrappreżenta żieda fil-volum ta' 85% meta mqabbel mal-2007. Il-Bank żied il-ħruġ ta' bonds ta' referenza tiegħu ta' 3 snin għal USD 4 biljun, b'ħames ħruġ ta' bonds ta' referenza għal dan il-perjodu ta' maturità, u kkonkluda tliet ftehimiet ta' bonds ta' referenza fuq 5 snin, numru rekord għal dan il-perjodu ta' maturità aktar diffikultuż. Dawn ir-riżultati nkisbu minħabba domanda qawwija mill-investituri, b'mod partikolari minn banek ċentrali, u livelli ta' finanzjament attraenti ħafna li setgħu jitwettqu permezz ta' ħruġ f'USD.

Barra mit-tliet valuti ewlenin tal-Bank, il-**ħruġ tal-Bank wera diversifikazzjoni soda** b'113 tranżazzjoni addizzjonali fi 19-il valuta matul l-2008, inkluż erba' f'format sintetiku. Inġabru EUR 8.3 biljun f'valuti oħrajn, jiġifieri 14% tal-programm totali ta' finanzjament. L-akbar tliet kontributuri kienu d-dollaru Awstraljan, il-jen Ġappuniż, u l-frank Żvizzeru, b'aktar mill-ekwivalenti ta' EUR 1 biljun miġbura f'kull valuta.

Fil-**valuti tal-Istati Membri l-ġodda u futuri u tal-pajjiżi ġirien**, il-Bank għamel progress fl-iżvilupp tal-iswieq kapitali billi estenda l-kurva tar-rendiment fir-rublu Russu u l-lira Torka, billi offra lill-investituri l-itwal perjodi ta' maturità possibbli fis-suq Eurobond ta' rata fissa. Il-volumi f'pajjiżi bħal dawn ammontaw għall-ekwivalenti ta' EUR 1.1 biljun permezz ta' 33 tranżazzjoni. Il-biċċa l-kbira ta' dan il-volum kien fil-lira Torka. Valuti oħrajn ta' ħruġ kienu l-leva Bulgara, il-koruna Ċeka, il-fjorint Ungariż, ir-rublu Russu u l-koruna Slovakka.

Fil-**valuti Afrikani** l-Bank ħareġ għall-ewwel darba fil-kwacha taż-Żambja (ZMK), li żiedet ir-repertorju tal-Bank ta' valuti Afrikani ta' finanzjament għal sebgħa. Il-ħruġ f'ZMK kien l-ewwel wieħed minn emittent barrani u l-ewwel wieħed fis-suq internazzjonali (kien f'format sintetiku, b'pagament u ħlas f'USD).

# Governanza Korporattiva





# Ir-Responsabbiltà Korporattiva fil-BEI

**Fl-2005, il-BEI ippubblika l-ewwel Dikjarazzjoni dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva tiegħu li permezz tagħha huwa impenja ruħu li jqiegħed il-prinċipji ewlenin tar-Responsabbiltà Korporattiva (RK) fil-qalba tal-istrateġija, l-objettivi u l-politika tiegħu. Il-BEI jikkunsidra li r-RK hija prassi kummerċjali soda minħabba li tenfasizza l-importanza li jinkiseb bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku, il-benesseri soċjali u l-ħarsien tal-ambjent, u dan kollu b'appoġġ għall-għan tal-iżvilupp sostenibbli.**

Għaldaqstant il-BEI huwa impenjat li jikkontribwixxi għall-isforzi tal-Unjoni Ewropea biex tittejjeb ir-RK; jirrikonoxxi l-importanza ta' governanza tajba (jiġifieri jkun meħtieġ livell għoli ta' trasparenza u responsabbiltà għalih u għall-kontropartijiet tiegħu); jiggarantixxi l-konsistenza fl-attivitajiet ta' tislif tiegħu mal-objettivi tal-UE u jagħmel il-valutazzjonijiet tiegħu sabiex jiżgura li l-investimenti huma sostenibbli; jippromwovi investimenti aktar etiċi u sostenibbli; jiżviluppa relazzjoni li tkun ta' benefiċċju b'mod reċiproku bejnu u l-komunitajiet ospitanti tiegħu; u jiminimizza l-footprint ambjentali tal-bini tiegħu u tal-attivitajiet li jsiru fihom.

Wara l-pubblikazzjoni tad-**Dikjarazzjoni dwar ir-Responsabbiltà Korporattiva**, il-Bank beda juża il-Qafas tal-EFQM (Fondazzjoni Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kwalità) għar-RK biex imexxi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-RK tiegħu. Il-qafas huwa għodda ta' awtovalutazzjoni u tmexxija użat biex jidentifika u jintraċċja l-punti sodi u dgħajfin u jgħin jiddefinixxi pjanijiet ta' azzjoni xierqa.

Saru żewġ eżerċizzji ta' awtovalutazzjoni fl-2006 u l-2007 li wrew li l-BEI fil-fatt kien laħaq livell ta' involviment u djalogu attivi mal-partijiet interessati u li kienu qed isiru firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' RK mal-Bank kollu. Madankollu, l-eżerċizzji wrew ukoll li kienet għadha nieqsa politika u strateġija tar-RK imħaddna fis-sħiħ u mdaħħla fl-attivitajiet ta' kuljum.

Sabiex ikompli fuq ir-riżultati taż-żewġ eżerċizzji ta' awtovalutazzjoni, inħass li kienet meħtieġa valutazzjoni esterna tal-politika u l-prassi tar-RK. Fl-2008, kumpanija esterna ta' konsultazzjoni speċjalizzata fl-analiżi mhux biss finanzjarja għamlet **verifika tal-politika tar-RK tal-BEI**. L-analiżi wriet li l-politika u l-prassi tal-BEI dwar ir-responsabbiltà korporattiva huma konformi ma' dawk li ġeneralment huma segwiti fis-settur bankarju tal-UE. Madankollu, l-analiżi wriet ukoll għadd ta' dgħjufijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-ewwel miżura li ġiet implimentata fis-segwitu għall-analiżi kienet l-iżvilupp ta' indikatur tar-RK, li ġie integrat fl-Indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Pjan Korporattiv tal-Operat 2009-2011, il-pjan tal-attività tan-negozju tal-BEI għas-snin li ġejjin. Barra dan, qiegħed jitħejja pjan dettaljat ta' azzjoni għall-approvazzjoni fl-2009.

Fuq il-websajt tal-BEI hemm disponibbli **anness tekniku** bir-rappurtar dettaljat dwar ir-RK. Għat-tħejjija tal-anness tekniku il-Bank segwa l-istandards (G3) tal-Inizjattiva Globali tar-Rappurtar (GRI) ippubblikat f'Ottubru 2006. Barra dan, il-Bank applika l-Qafas tar-Rappurtar tal-GRI biex jilħaq Livell ta' Applikazzjoni ta' "B+" ikkonfermat mill-GRI. L-awdituri esterni tal-Bank ipprovdew assigurazzjoni dwar il-kontenut tal-anness tekniku. Barra dan, inħolqot sottotaqsima dwar ir-responsabbiltà korporattiva fuq il-websajt tal-BEI fejn wieħed jista' jsib aktar informazzjoni dettaljata dwar il-politika u l-prassi tal-BEI.

# Il-footprint ambjentali u ħidma responsabbli

**Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-BEI hija l-ħarsien tal-ambjent, għaldaqstant mhux ta' min jistagħġeb li l-Bank huwa konxju ħafna wkoll dwar il-footprint ambjentali tiegħu stess, b'mod partikolari permezz tal-materjal li jikkonsma u l-iskart li jiġġenera.**

Bħala riżultat ta' dan, huwa qiegħed ibiddel gradwalment il-karozzi tiegħu b'mudelli li jniġġsu inqas. Ittejbet ħafna l-kuxjenza tal-istaff dwar l-issortjar tal-iskart u l-prassi għall-issortjar tal-iskart. Fil-fatt, l-aworitajiet tal-Lussemburgu rrikonoxxew l-isforzi magħmula mill-Bank f'dan il-qasam u ċċertifikawh bit-**Tikketta Ekoloġika** għall-eċċellenza fl-issortjar tal-iskart. Barra dan, ittejbu wkoll il-faċilitajiet disponibbli għal dawk il-membri tal-istaff li jużaw ir-rota biex imorru għax-xogħol. Il-konsiderazzjonijiet ambjentali rigward l-istaff li jivvjaġġaw bil-linji tal-ajru issa għandhom rwol akbar. Il-printers u l-fotokopjaturi ġew ipprogrammati biex jistampaw u jagħmlu fotokopji minn quddiem u minn wara b'mod awtomatiku u printers personali gradwalment mhux qed jiġu mibdula. Barra minn hekk, il-pjattaforma għall-qsim tal-użu tal-karozzi – disponibbli għall-istaff permezz tal-Intranet - u l-installazzjoni ta' ditekters tal-moviment għas-sistemi tad-dawl f'xi partijiet tal-bini qed ikollhom impatt pożittiv fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-Bank.

Matul l-2008 ġie approvat sett ġdid ta' miżuri li qed jiġu implimentati bħalissa. Dawn għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari mal-użu dejjem akbar tal-konferenzi permezz tal-vidjo bħala sostituzzjoni għall-ivvjaġġar, reviżjoni tal-linji gwida tal-ivvjaġġar fuq xogħol sabiex il-ferroviji jibdew jintużaw b'mod aktar frekwenti minflok l-ivvjaġġar bl-ajru, l-introduzzjoni ta' karta ħadra tar-rekords għall-IT biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-ħardwer tat-teknoloġija tal-informazzjoni, l-iffirmar ta' ftehim mas-sistema tat-trasport pubbliku tal-Lussemburgu li ser tipprovdi vjaġġar bla ħlas bix-xarabank għal kull membru tal-istaff, l-installazzjoni ta' viti bil-kronometru biex jitnaqqas il-konsum tal-ilma u, b'mod ġenerali, kampanji dejjem għaddejjin sabiex tiżdied il-kuxjenza fost l-istaff dwar kwistjonijiet ambjentali.





## Ħidma responsabbli

Fl-2008, il-BEI kompla jtejjeb l-ġestjoni tiegħu tar-riżorsi umani b'mod konformi mal-aqwa prassi. L-approvazzjoni ta' **Strateġija tad-Diversità** kienet pass importanti. L-Istrateġija tad-Diversità tal-Bank, "Ta' Ġid għall-Poplu. Ta' Ġid għan-Negozju", tagħmel lill-Bank impjegatur imfittex, kapaċi li juża għall-aħjar il-gruppi esterni diversi ta' talenti kif ukoll juża u jiżviluppa bis-sħiħ it-talent għani tal-istaff eżistenti tiegħu. L-Istrateġija ta' Diversità titqies essenzjali biex tiżgura s-suċċess tal-Bank. Il-kunċett tad-diversità jħaddan firxa wiesgħa ta' karatteristiċi individwali u kulturali, bħall-età, l-oriġini etnika u razzjali, l-edukazzjoni u l-esperjenza, l-istatus tal-familja, is-sess, in-nazzjonalità, l-abbiltà fiżika, ir-reliġjon u l-orjentazzjoni sesswali. L-inklużjoni tfisser li jiġu rispettati u jingħata valur għat-talenti uniċi, il-perspettivi u l-kontributi li kull impjegat joffri lill-organizzazzjoni.

L-objettiv prinċipali li fuqu tfasslet **l-Istrateġija tad-Diversità** huwa li jitkattru d-diversità u l-bilanċ tal-istaff tal-BEI filwaqt li jiġbed, iżomm u juża bis-sħiħ l-aqwa talent disponibbli. Objettivi oħrajn jinkludu l-iżvilupp ta' ambjent tax-xogħol inklussiv, it-trawwim ta' tmexxija u ġestjoni, u l-bini tal-profil tal-Bank bħala impjegatur imfittex. Bħalissa għaddejja ħidma għal kodiċi ta' prattika sabiex persuni b'diżabbiltà jingħataw trattament ugwali fir-reklutaġġ, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u fl-opportunitajiet għal karriera b'mod konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE;

Sar ukoll titjib ieħor, pereżempju fl-**iskema tal-pensjoni tal-istaff**. Minħabba għadd ta' żviluppi fis-snin reċenti, bħaż-żieda dejjem għaddejja tal-għomor tal-ħajja, it-tnaqqis sinifikanti fir-rati tal-imgħax u l-applikazzjoni ta' standards tal-kontabilità aktar stretti (IAS 19), dawn taw bidu għal riforma li hija intiża biex iżżomm l-attrazzjoni tal-iskema tal-pensjoni filwaqt li jittejjeb il-mod kif din tiġi ffinanzjata. Riforma bħal din hija eżerċizzju diffiċli u sensittiv. Din kienet teħtieġ diskussjonijiet komprensivi u fil-fond mar-Rappreżentanti tal-Istaff. Madankollu, dan l-approċċ wassal għal ftehim biex jittejjeb il-finanzjament fuq żmien twil tal-iskema billi nħoloq portafoll ta' investiment iddedikat għall-fond tal-pensjoni, li għalih il-BEI jassumi r-riskji finanzjarji. Għall-assigurati kollha ser tinżamm skema tal-pensjoni b'benefiċċji definiti.

B'mod parallel, qed jiġi diskuss mar-Rappreżentanti tal-Istaff pakkett ta' dispożizzjonijiet tranżitorji u/jew ta' kumpens għall-istaff li hemm impjegat bħalissa. L-objettiv huwa li jkun żgurat li tingħata l-attenzjoni mistħoqqa għad-drittijiet miksuba taħt perjodi preċedenti ta' assigurazzjoni u b'mod partikolari b'tali mod li jiġu rrispettati l-aspettattivi ta' dawk il-membri tal-istaff li waslu l-aktar qrib biex jirtiraw.

Fit-tieni nofs tas-sena tkomplew għadd ta' inizjattivi li ser jitwettqu fl-2009. L-aktar importanti fosthom huwa l-iffinalizzar ta' politika tas-saħħa marbuta max-xogħol; reviżjoni tal-politika tal-Bank tad-Dinjità fuq il-Post tax-Xogħol, li bdiet taħdem fl-2004; u strateġija fuq perjodu medju biex ittejjeb il-benesseri fuq il-post tax-xogħol u tikkontribwixxi għall-prestazzjoni individwali u tal-organizzazzjoni.

# Ħidma ma' oħrajn

**Bħala membru tal-familja tal-istituzzjonijiet Ewropej, il-BEI jikkopera mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri, kif ukoll mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Bank jaħdem ukoll mill-qrib ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn u banek ta' żvilupp bilaterali.**

Il-Bank dejjem jikkopera mill-qrib mal-**Kummissjoni Ewropea**, iżda lejn tmiem is-sena 2008 din il-koperazzjoni saret aktar intensiva bħala riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika serja. Aktar kmieni fis-sena, il-Kummissjoni u l-Bank kienu t-tnejn mistiedna mill-**Kunsill Ewropew** biex jagħtu appoġġ attiv għal miżuri li kienu ser jiffaċilitaw l-investiment mill-unitajiet domestiċi u l-industriji fl-effiċjenza tal-enerġija u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Kwistjonijiet oħrajn kienu l-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat, il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent, u b'mod aktar ġenerali l-aktar taħlit effettiv ta' self tal-BEI u għotjiet tal-KE fil-kuntest tal-politika esterna tal-UE. Il-President tal-BEI jieħu sehem fil-laqgħat ta' kull xahar tal-**Kunsill tal-Ministri** tal-ECOFIN.

L-involviment attiv tal-Bank fil-ġlieda kontra l-kriżi qajjem aktar interess fl-attivitajiet tiegħu fil-**Parlament Ewropew**, li wassal għal kuntatti frekwenti ma' kumitati parlamentari u MPE individwali lil hinn mill-preżentazzjonijiet tas-soltu tal-President tal-BEI tal-istrateġija u l-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI lill-Kumitat dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, u d-diskussjoni plenarja tar-rapport annwali tal-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI.

Flimkien maż-żewġ istituzzjonijiet l-oħrajn li jirrappreżentaw liċ-ċittadini Ewropej, il-**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** u l-**Kumitat tar-Reġjuni**, il-Bank għandu relazzjoni ta' ħidma li



tenfasizza t-tixrid ta' informazzjoni lill-organi bażiċi tal-kumitati – organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u l-impjegati, u awtoritajiet lokali u reġjonali – dwar il-possibiltajiet u l-inizjattivi tiegħu ta' finanzjament. Fl-2008, ġiet koperta firxa wiesgħa ta' temi ta' informazzjoni, inkluż l-appoġġ tal-Bank għat-tislif għall-enerġija u l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, il-mikrofinanza, iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP, u l-inizjattivi konġunti mal-Kummissjoni .

Il-koperazzjoni ma' **istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs)** oħrajn fl-2008 kienet soda b'mod partikolari fil-kuntest tal-mandat għall-attività tal-BEI barra mill-Unjoni Ewropea li tkopri l-perjodu 2007-2013. Il-Kummissjoni Ewropea, il-BEI, il-BERŻ u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa ngħaqdu flimkien fl-Inizjattiva tal-Infrastruttura tal-Balkani tal-Punent, li għandha tibda topera fl-2009. Fit-Turkija l-BEI u l-BERŻ iffinalizzaw ftehim ta' koperazzjoni biex jappoġġaw il-bidu tal-attivitajiet tal-BERŻ hemmhekk fl-2009. Fil-Pajjiżi Ġirien lejn il-Lvant u lejn in-Nofsinhar grupp ta' IFIs u **banek ta' żvilupp bilaterali** stabbilixxew linja konġunta għal proġetti li ser ikunu appoġġati wkoll minn fondi ta' għotjiet tal-KE, bl-identifikazzjoni tal-IFI mexxejja. Koperazzjoni bħal din tgħin biex ma jkunx hemm duplikazzjoni tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta billi tkun iddelegata r-responsabbiltà lill-istituzzjoni ewlenija. Fil-bidu tal-2009, il-BERŻ, il-Grupp tal-BEI u l-Grupp tal-Bank Dinji ngħaqdu biex jappoġġaw lill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u impenjaw ruħhom li jipprovdu sa EUR 24.5 biljun biex isaħħu s-settur bankarju fir-reġjun u jiffinanzjaw tislif lil negozji milquta bil-kriżi ekonomika dinjija

Fil-pajjiżi tal-AKP issaħħet il-koperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Dinji, l-IFC, u l-Bank Afrikan tal-Iżvilupp, filwaqt li l-BEI rawwem il-kollaborazzjoni ma' aġenziji bilaterali Ewropej u Stati Membri donaturi fil-kuntest tal-Fond Fiduċjarju għall-Infrastruttura tal-UE-Afrika, li huwa mmexxi mill-BEI. Fl-Ażja u l-Amerika Latina, il-BEI u l-Bank Ażjatiku għall-Iżvilupp identifikaw opportunitajiet ta' kofinanzjament.

B'attenzjoni fuq il-koperazzjoni u l-kofinanzjament fl-Ewropa, il-BEI u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa fformalizzaw ir-relazzjoni tagħhom f'Dikjarazzjoni Konġunta li tenfasizza d-diversi oqsma ta' interess komuni, speċjalment fir-rigward tal-iżvilupp urban, il-kapital uman u l-ambjent. Fl-aħħar nett, il-Bank ingħata l-istatus ta' osservatur fil-Bank tal-Iżvilupp u l-Kummerċ tal-Baħar l-Iswed.

# Trasparenza u responsabbiltà

**It-trasparenza hija element importanti tar-responsabbiltà korporattiva tal-BEI. Parti mill-missjoni tal-Bank hija livell għoli ta' trasparenza sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea. Bħala korp pubbliku, il-BEI iqis li t-trasparenza tiegħu fil-mod kif jieħu deċiżjonijiet, kif jaħdem, u kif jimplimenta l-politika tal-UE hija kruċjali biex isaħħaħ ir-responsabbiltà u l-kredibbiltà tiegħu lejn iċ-ċittadini Ewropej u ċittadini fi bnadi oħra li huma milquta mill-attivitajiet tiegħu.**

**L-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni** huwa bażi ta' referenza importanti għall-implimentazzjoni tal-impenn tal-Bank għat-trasparenza. Il-websajt tal-BEI hija l-pjattaforma ewlenija biex titqassam informazzjoni b'mod attiv lill-pubbliku, b'madwar erba' miljun viżitatur fl-2008. L-"InfoDesk tal-BEI" huwa l-ewwel punt ta' kuntatt fejn jitwieġbu t-talbiet għal informazzjoni mill-pubbliku ġenerali. Fl-2008, l-InfoDesk irċieva aktar minn 25 000 e-mail (eskluża l-posta mhux mitluba). Il-komunikazzjoni tal-Bank mal-pubbliku hija suġġetta għal "Politika ta' Żvelar Pubbliku tal-BEI" uffiċjali li tfasslet għall-ewwel darba fl-2006. Il-politika hija bbażata fuq suppożizzjoni ta' żvelar sakemm ma hemmx raġuni valida biex dan ma jsirx. Il-bank impenja ruħu biex jagħmel reviżjonijiet formali tal-Politika ta' Żvelar Pubbliku kull tliet snin u dik li jmiss ser issir fl-2009. Il-Bank jippubblika valutazzjoni annwali tal-prestazzjoni tiegħu bl-implimentazzjoni tal-Politika ta' Żvelar Pubbliku.

Il-BEI japprezza li l-**Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili** (CSOs), inklużi l-**Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi** (NGOs), jista' jkollhom kontribut importanti fl-iżvilupp tal-politika u jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-kuxjenza mill-Bank dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-proġetti li jiffinanzja. Sabiex jiżgura djalogu kontinwu, il-Bank jorganizza avvenimenti, bħal fl-2008 saret preżentazzjoni speċjali għal CSOs ibbażati fi Brussell dwar ir-riżultati annwali tal-2007, li saret fl-istess żmien tal-konferenza tal-aħbarijiet annwali tal-Bank għall-istampa akkreditata fi Brussell. Il-Bank ħejja wkoll workshops aktar speċjalizzati, pereżempju dwar kwistjonijiet tal-bidla fil-klima u dwar it-trasport fuq it-toroq. Għall-kuntrarju, sabiex iqanqal id-djalogu, il-Bank ħa sehem f'konferenzi organizzati minn NGOs ta' affermazzjoni ta' politika li jagħmlu kampanji dwar l-attivitajiet tal-Bank. Fl-2008, dawn l-istess NGOs ġew ukoll mistiedna mill-Bank biex jiddiskutu kwistjonijiet speċifiċi bħall-Memorandum ta' Ftehim bejn il-BEI u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-mandati esterni tal-Bank, id-drittijiet tal-bniedem, l-enerġiji nukleari u rinnovabbli, u t-trattament ta' skart solidu. Il-BEI jista' jidħol fi sħubijiet ta' appoġġ ma' CSOs speċjalizzati li





jaqsmu objettivi jew interessi partikolari mal-Bank. Fl-2008, il-Bank kellu relazzjoni ta' koperazzjoni bħal din ma' Transparency International u l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura. Il-BEI approva wkoll l-Inizjattiva għat-Trasparenza fl-Industrija tal-Estrazzjoni.

Fi snin reċenti, **il-konsultazzjonijiet pubbliċi** saru parti integrali mill-politika ta' trasparenza tal-BEI. Il-Bank imexxi konsultazzjoni pubblika dwar politiki magħżula korporattivi u multisettorjali li ġeneralment huma ta' interess għall-partijiet interessati kollha tal-BEI. Fl-2008 saret konsultazzjoni pubblika dwar l-approċċ tal-Bank għas-sostenibbiltà ambjentali u l-benesseri soċjali kif imfasslin fid-"Dikjarazzjoni tal-BEI ta' Prinċipji u Standards Ambjentali u Soċjali". Bħala riżultat ta' dan ġiet ippubblikata dikjarazzjoni riveduta li ggwadanjat mill-kontributi kostruttivi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-NGOs li tradizzjonalment jiflu l-Bank mill-qrib. Fl-2009, ser issir konsultazzjoni pubblika konġunta dwar il-politiki ta' żvelar u ta' trasparenza tal-Bank kif ukoll il-mod kif jieħu ħsieb l-ilmenti.

Sa mill-2008 l-BEI għandu **Politika ta' Mekkaniżmu għall-Ilmenti** li tikkonsolida l-aħjar prassi fil-qasam tar-responsabbiltà. Il-mekkaniżmu għall-ilmenti għandu dimensjoni interna kif ukoll dimensjoni esterna indipendenti li tinvolvi lill-Ombudsman Ewropew. Għaldaqstant, l-ilmenti jistgħu jiġu ppreżentati direttament lill-Bank, li jipprovdi lill-pubbliku b'indirizz tal-email speċifikament għal dan l-iskop, jew lill-Ombudsman Ewropew. Fl-2008, ġew amministrati total ta' 40 ilment.

Il-Bank għandu bosta **korpi ta' kontroll intern**. L-Ispettorat Ġenerali jiġbor flimkien żewġ funzjonijiet ta' kontroll importanti, il-Verifika Interna u l-Evalwazzjoni tal-Attivitajiet, u jinkludi wkoll l-Investigazzjoni għall-Frodi. L-Ispettorat għandu rwol kruċjali fis-salvagwardjar tal-kontrolli, it-titjib tal-attivitajiet u l-manteniment tal-proċess ta' trasparenza u responsabbiltà. L-Uffiċċju tal-Kap Uffiċjal għall-Konformità (OCCO) jiżgura li l-Bank u l-istaff tiegħu huma konformi mal-liġijiet, ir-regoli, il-kodiċijiet ta' kondotta u l-istandards ta' prassi tajba kollha applikabbli u jaġixxi bħala investigatur tal-ewwel grad dwar nuqqasijiet potenzjali ta ' ħarsien tar-regoli dwar l-etika u l-integrità. Huwa jagħmel verifiki ex ante tal-konformità ta' politiki, proċeduri, prodotti u attivitajiet godda jew azzjonijiet ippjanati. L-OCCO jimmonitorja wkoll it-tislif offshore u l-attivitajiet ta' self. Fl-2008, kien strumentali biex tiġi żviluppata politika ta' denunzja ta' irregolaritajiet sabiex tingħata protezzjoni sħiħ lil infurmaturi potenzjali.

Ir-**Rapport dwar ir-Responsabbiltà Globali** 2008 ppubblikat minn One World Trust jevalwa l-prassi tar-responsabbiltà ta' 30 organizzazzjoni globali, inklużi dawk tal-BEI. One World Trust huwa grupp indipendenti ta' riflessjoni li jagħmel riċerka, jiżviluppa rakkomandazzjonijiet u huwa favur ir-riforma sabiex il-proċessi għat-tfassil ta' politika u għat-teħid ta' deċiżjonijiet ikunu aktar responsabbli. Ir-rapport janalizza l-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet f'erba' oqsma: trasparenza, parteċipazzjoni, valutazzjoni u ilmenti u amministrazzjoni tar-rispons. Il-BEI ġie fid-disa' post għal responsabbiltà ġenerali, u fir-raba' post f'sottogrupp ta' għaxar organizzazzjonijiet intergovernattivi. Ta' min jinnota li fir-rigward tal-prestazzjoni dwar il-kriterju tat-trasparenza, mit-30 organizzazzjoni kienu biss il-BEI u l-IFC li kisbu aktar minn 70%, li huwa meqjus bħala l-limitu minimu għal prassi tajba.

# Il-Korpi mwaqqfa taħt l-Istatut tal-BEI



Il-Kumitat ta' Tmexxija

Il-**Bord tal-Gvernaturi** huwa magħmul minn Ministri nnominati minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, ġeneralment il-Ministri tal-Finanzi. Huwa jistipula linji gwida dwar politika tal-kreditu, japprova l-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ, u jiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni tal-Bank f'attivitajiet finanzjarji barra mill-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq żidiet tal-kapital. Huwa jaħtar ukoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat tal-Verifika.

Il-**Bord tad-Diretturi** għandu l-poter esklussiv li jieħu deċiżjonijiet fir-rigward ta' tislif, garanziji u self. Minbarra li jiżgura li l-Bank jitmexxa kif suppost, huwa jiżgura li l-Bank jitmexxa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-Istatut tiegħu u mad-direttivi ġenerali stipulati mill-Gvernaturi. Il-membri tiegħu huma maħtura mill-Gvernaturi għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded fuq nomina mill-Istati Membri u huma responsabbli biss lejn il-Bank.

Il-Bord tad-Diretturi huwa magħmul minn 28 Direttur, fejn Direttur wieħed huwa nnominat minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm 18-il Supplent, jiġifieri li xi wħud minn dawn il-pożizzjonijiet jinqasmu bejn gruppi ta' stati.

Barra minn hekk, sabiex titwessa' l-kompetenza professjonali tal-Bord tad-Diretturi f'ċerti oqsma,

il-Bord jista' jagħżel b'mod konġunt massimu ta' sitt esperti (tliet Diretturi u tliet Supplenti), li jipparteċipaw għal-laqgħat tal-Bord fil-kwalità ta' konsulenti, mingħajr drittijiet għall-vot.

Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tikkonsisti f'mill-inqas terz tal-membri intitolati għall-vot u li jirrappreżentaw mill-inqas 50% tal-kapital sottoskritt.

Il-**Kumitat ta' Tmexxija** huwa l-korp eżekuttiv permanenti tal-Bank. Għandu disa' membri. Taħt l-awtorità tal-President u s-sorveljanza tal-Bord tad-Diretturi, jieħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum tal-BEI, iħejji deċiżjonijiet għad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Il-President jippresjedi l-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija. Il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija huma responsabbli biss lejn il-Bank; huma jinħatru mill-Bord tal-Gvernaturi, fuq proposta tal-Bord tad-Diretturi, għal perjodu ta' sitt snin li jista' jiġġedded.

Skont l-Istatut tal-Bank, il-President huwa wkoll iċ-Chairman tal-Bord tad-Diretturi.

Il-**Kumitat tal-Verifika** huwa korp indipendenti li jaqa' direttament taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tal-Gvernaturi u huwa responsabbli wkoll biex jivverifika li l-attivitajiet tal-Bank ikunu twettqu u l-kotba tiegħu jkunu nżammu kif suppost. Fil-ħin tal-approvazzjoni tar-rendikonti finanzjarji mill-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat tal-Verifika joħroġ l-istqarrijiet tiegħu dwarhom. Ir-rapporti tal-Kumitat tal-Verifika dwar ir-riżultati tal-ħidma tiegħu matul is-sena preċedenti jintbagħtu lill-Bord tal-Gvernaturi flimkien mar-rapport annwali tal-Bord tad-Diretturi.

*Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw dawn il-korpi jinsabu fl-Istatut u r-Regoli ta' Proċedura tal-Bank. Listi tal-membri tal-korpi mwaqqfa taħt l-Istatut tal-BEI u l-curricula vitae tagħhom, flimkien ma' informazzjoni addizzjonali dwar arranġamenti ta' remunerazzjoni, huma aġġornati regolarment u jittellgħu fuq il-websajt tal-Bank:* ***www.eib.org****.*

Il-Kumitat tal-Verifika huwa magħmul minn tliet membri u tliet osservaturi, maħtura mill-Gvernaturi għal kariga ta' tliet snin.



Il-Kumitat tal-Verifika





## Tqassim tal-kapital tal-Bank fl-1 ta' April 2009

| | Ammont (EUR) | |
|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 37 578 019 000 | DE |
| Franza | 37 578 019 000 | FR |
| L-Italja | 37 578 019 000 | IT |
| Ir-Renju Unit | 37 578 019 000 | GB |
| Spanja | 22 546 811 500 | ES |
| L-Olanda | 10 416 365 500 | NL |
| Il-Belġju | 10 416 365 500 | BE |
| L-Iżvezja | 6 910 226 000 | SE |
| Id-Danimarka | 5 274 105 000 | DK |
| L-Awstrija | 5 170 732 500 | AT |
| Il-Polonja | 4 810 160 500 | PL |
| Il-Finlandja | 2 970 783 000 | FI |
| Il-Greċja | 2 825 416 500 | GR |
| Il-Portugall | 1 820 820 000 | PT |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1 774 990 500 | CZ |
| L-Ungerija | 1 679 222 000 | HU |
| L-Irlanda | 1 318 525 000 | IE |
| Ir-Rumanija | 1 217 626 000 | RO |
| Ir-Repubblika Slovakka | 604 206 500 | SK |
| Is-Slovenja | 560 951 500 | SI |
| Il-Bulgarija | 410 217 500 | BG |
| Il-Litwanja | 351 981 000 | LT |
| Il-Lussemburgu | 263 707 000 | LU |
| Ċipru | 258 583 500 | CY |
| Il-Latvja | 214 805 000 | LV |
| L-Estonja | 165 882 000 | EE |
| Malta | 98 429 500 | MT |
| **Total** | **232 392 989 000** | |




**Kapital:** Is-sehem ta' kull Stat Membru fil-kapital tal-Bank huwa bbażat fuq il-piż ekonomiku tiegħu fi ħdan l-Unjoni Ewropea (bħala PGD) fil-mument tal-adeżjoni tiegħu. Skont l-Istatut tiegħu, il-Bank huwa awtorizzat li jkollu self pendenti massimu ekwivalenti għal darbtejn u nofs il-kapital tiegħu.

Fl-1 ta' April 2009, il-kapital sottoskritt tal-Bank ammonta għal aktar minn EUR 232 biljun.

# Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI

Il-Kulleġġ tal-Membri tal-Kumitat ta' Tmexxija u r-responsabbiltajiet ta' superviżjoni tagħhom

Sitwazzjoni fl-1 ta' Mejju 2009

**Philippe MAYSTADT**
President u Chairman tal-Bank



**Philippe de FONTAINE VIVE CURTAZ**
Viċi-President



**Simon BROOKS**
Viċi-President



**Carlos da SILVA COSTA**
Viċi-President



**Matthias KOLLATZ-AHNEN**
Viċi-President



**Eva SREJBER**
Viċi-President



**Marta GAJĘCKA**
Viċi-President



**Dario SCANNAPIECO**
Viċi-President



**Plutarchos SAKELLARIS**
Viċi-President



**Philippe MAYSTADT** *President u Chairman tal-Bank*
- Strateġija ġenerali
- Kwistjonijiet istituzzjonali, relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali l-oħrajn
- Rapportaġġ mill-Ispettur Ġenerali, il-Kontrollur Finanzjarju u l-Kap Uffiċjal tal-Konformità
- Riżorsi umani
- Komunikazzjoni interna
- Politika tal-opportunitajiet indaqs; President tal-Kumitat Konġunt dwar Opportunitajiet Indaqs
- President tal-Bord tad-Diretturi tal-FEI
- President tal-Kumitat tal-Baġit

**Philippe de FONTAINE VIVE CURTAZ** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fi Franza u fil-Pajjiżi Msieħba Mediterranji
- Finanzjament tal-SMEs
- Sħubija mas-settur bankarju
- Komunikazzjoni esterna
- Trasparenza u politika ta' informazzjoni
- Relazzjonijiet mal-NGOs
- Membru tal-Bord tad-Diretturi tal-FEI

**Simon BROOKS** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fir-Renju Unit u fl-Olanda
- Ħarsien tal-ambjent
- Verifika interna, verifika esterna u relazzjonijiet mal-Kumitat tal-Verifika
- Konformità
- Relazzjonijiet mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
- Relazzjonijiet mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Ombudsman Ewropew
- Bini, ambjent tax-xogħol u loġistika

**Carlos da SILVA COSTA** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fi Spanja, il-Portugall, il-Belġju, il-Lussemburgu, l-Amerika Latina u l-Ażja
- Aspetti ġuridiċi tal-attivitajiet u tal-prodotti
- Finanzi
- President tal-Kumitat tal-Arti

**Matthias KOLLATZ-AHNEN** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fil-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Rumanija kif ukoll il-Kroazja u t-Turkija
- Koeżjoni ekonomika u soċjali; Konverġenza
- L-inizjattivi JASPERS u JESSICA
- Ristrutturazzjonijiet ta' self
- Membru tal-Kumitat tas-Sussidji
- Membru tal-Kumitat tal-Arti

**Eva SREJBER** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fl-Iżvezja, il-Finlandja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja, il-pajjiżi ġirien tal-Lvant, ir-Russja u l-pajjiżi tal-EFTA
- Ekonomija tal-għarfien
- Evalwazzjoni ex post tal-attivitajiet
- Teknoloġiji tal-informazzjoni
- President tal-Kumitat tas-Sussidji

**Marta GAJĘCKA** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fil-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Bulgarija
- Netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija
- Responsabbiltà soċjali korporattiva
- Viċi-Gvernatur tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ)

**Dario SCANNAPIECO** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fl-Italja, Malta u l-Balkani tal-Punent
- Ġestjoni tar-riskji
- Ippjanar u baġit
- Effiċjenza tal-ispejjeż
- Gvernatur tal-BERŻ

**Plutarchos SAKELLARIS** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fil-Greċja, Ċipru, id-Danimarka, l-Irlanda, il-pajjiżi tal-AKP u l-Afrika t'Isfel
- Enerġija
- Studji settorjali, ekonomiċi u finanzjarji
- Implimentazzjoni ta' Bâle II
- Kontabilità
- Membru tal-Kumitat tal-Arti

# Tabella tal-Organizzazzjoni



Sitwazzjoni fl-1 ta' Mejju 2009

## Segretarjat Ġenerali u Affarijiet Legali

Alfonso QUEREJETA
Segretarju Ġenerali u Direttur Ġenerali tal-Affarijiet Legali

### ▶ Affarijiet Istituzzjonali
Dominique de CRAYENCOUR — Direttur

**Affarijiet Legali**

### ▶ Affarijiet Komunitarji u Finanzjarji; Finanzjamenti barra mill-Ewropa
Marc DUFRESNE — Deputat Direttur Ġenerali tal-Affarijiet Legali

### ▶ Finanzjamenti fl-Ewropa
Gerhard HÜTZ — Direttur

## Direttorat Ġenerali tal-Istrateġija

Rémy JACOB
Direttur Ġenerali
Kontrollur Finanzjarju u Direttur tas-Sistemi ta' Informazzjoni

### ▶ Strateġija u Kontroll ta' Tmexxija
Jürgen MOEHRKE — Direttur

### ▶ Komunikazzjoni
Gill TUDOR — Kelliem u Direttur

### ▶ Teknoloġiji tal-Informazzjoni
Derek BARWISE — Direttur

### ▶ Bini, Loġistika u Dokumentazzjoni
Patricia TIBBELS — Direttur

## Direttorat tal-Attivitajiet fl-Unjoni Ewropea u fil-Pajjiżi Kandidati

Thomas HACKETT
Direttur Ġenerali

### ▶ Strumenti tal-Azzjoni għat-Tkabbir
Thomas BARRETT — Direttur

### ▶ L-Ewropa tal-Punent
Laurent de MAUTORT — Direttur

### ▶ Spanja, il-Portugall
Carlos GUILLE — Direttur

### ▶ L-Ewropa Ċentrali
Joachim LINK — Direttur

### ▶ Il-Baħar Adrijatiku
Romualdo MASSA BERNUCCI — Direttur

### ▶ L-Ewropa tax-Xlokk
Jean-Christophe LALOUX — Direttur

### ▶ Il-Baħar Baltiku
Tilman SEIBERT — Direttur

## Direttorat tal-Attivitajiet Barra mill-Unjoni Ewropea u mill-Pajjiżi Kandidati

Martin CURWEN
Direttur Ġenerali

### ▶ Il-Pajjiżi Ġirien u Sħab tal-Ewropa
Claudio CORTESE — Direttur

### ▶ L-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku – Faċilità ta' Investiment
Patrick WALSH — Direttur

### ▶ L-Amerika Latina u l-Ażja
Francisco de PAULA COELHO — Direttur

## Ġestjoni u r-Ristrutturazzjoni ta' Tranżazzjonijiet

Klaus TRÖMEL
Direttur

## Direttorat tal-Finanzi

Bertrand de MAZIÈRES
Direttur Ġenerali

### ▶ Swieq tal-Kapital
Barbara BARGAGLI PETRUCCI — Direttur

### ▶ It-Teżor
Anneli PESHKOFF — Direttur

### ▶ Previżjonijiet u Regolament tal-Attivitajiet
Elisabeth MATIZ — Direttur

## Direttorat tal-Proġetti

Grammatiki TSINGOU-PAPADOPETROU
Direttur Ġenerali

### ▶ Innovazzjoni u Kompetittività
Constantin CHRISTOFIDIS — Direttur

### ▶ Trasport u Enerġija
Christopher HURST — Direttur

### ▶ Konverġenza u Ambjent
Guy CLAUSSE — Direttur

### ▶ JASPERS
Agustin AURÍA — Direttur

## Direttorat tal-Ġestjoni tar-Riskji

Pierluigi GILIBERT
Direttur Ġenerali

### ▶ Riskji tal-Kreditu
Per JEDEFORS — Direttur

### ▶ Riskji Finanzjarji u tal-Operat
Alain GODARD — Direttur

## Ispettorat Ġenerali

Jan Willem van der KAAIJ
Spettur Ġenerali

## Uffiċċju tal-Konformità tal-Grupp tal-BEI

Matthias MAERTENS
Kap tal-Uffiċċju tal-Konformità

## Riżorsi Umani

Michel GRILLI
Direttur

*L-għamla tas-servizzi, il-curriculum vitae tad-Diretturi Ġenerali u tal-kapijiet tad-Diviżjonijiet ta' Kontroll, kif ukoll tagħrif komplimentari dwar il-modalitajiet ta' remunerazzjoni tal-persunal kollu tal-Bank ser ikunu aġġornati regolarment u ppubblikati fuq is-sit tal-internet tal-BEI: www.eib.org*

# Il-Korpi mwaqqfa taħt l-Istatut tal-FEI

Il-FEI huwa mmexxi u amministrat minn dawn it-tlett awtoritajiet:

- il-Laqgħa Ġenerali tal-membri (il-BEI, l-Unjoni Ewropea, 31 istituzzjoni finanzjarja), li tiltaqa' ta' mill-inqas darba fis-sena;
- il-Bord tad-Diretturi, li huwa magħmul minn seba' membri u seba' supplenti, li, *inter alia*, jiddeċiedi dwar l-attivitajiet tal-Fond;
- il-Kap Eżekuttiv, li huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-Fond skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatuti tiegħu u l-linji gwida u d-direttivi adottati mill-Bord tad-Diretturi.

Il-kontijiet tal-FEI jiġu vverifikati minn Bord tal-Verifika li jikkonsisti fi tliet persuni maħtura mil-Laqgħa Ġenerali u minn awdituri indipendenti esterni.

## *Tmexxija tal-FEI*

Sitwazzjoni fl-24 ta' April 2009

### Kap Eżekuttiv

Richard PELLY

### Viċi-Kap Eżekuttiv

Jean-Marie MAGNETTE

**Ġestjoni tat-Tranżazzjonijiet u r-Relazzjonijiet**

John A. HOLLOWAY — Direttur

**Ġestjoni tal-Mandat, Żvilupp u Inkubazzjoni tal-Prodott**

Marc SCHUBLIN — Direttur

*Informazzjoni ddettaljata dwar il-korpi mwaqqfa taħt l-Istatut tal-FEI (għamla, curricula vitae tal-membri, remunerazzjoni) u servizzi (għamla, curricula vitae tad-Diretturi Ġenerali u d-Diretturi, remunerazzjoni tal-persunal kollu) hija aġġornata regolarment u tittella' fuq il-websajt tal-FEI:* ***www.eif.org***





## Proġetti eliġibbli għal finanzjament mill-Grupp tal-BEI

**Fi ħdan l-Unjoni Ewropea**, il-proġetti li jiġu kkunsidrati għal finanzjament iridu jikkontribwixxu għal wieħed jew aktar minn dawn l-għanijiet:

- it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali: il-promozzjoni ta' investiment fis-setturi kollha tal-ekonomija sabiex jitqanqal l-iżvilupp ekonomiku fir-reġjuni inqas vantaġġati;
- iż-żieda tal-investiment li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' soċjeta bbażata fuq it-tagħrif u mmexxija mill-innovazzjoni;
- it-titjib infrastrutturali u s-servizzi fis-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni, li huma l-kontributuri ewlenin għall-formazzjoni tal-kapital uman;
- l-iżvilupp ta' netwerks infrastrutturali għat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u t-trasferiment tal-enerġija b'dimensjoni Komunitarja;
- il-ħarsien tal-ambjent u titjib tal-kwalità tal-ħajja;
- jiġu żgurati l-provvisti tal-enerġija permezz tal-użu razzjonali, l-isfruttar ta' riżorsi indiġeni fosthom l-enerġija rinnovabbli, u d-diversifikazzjoni fl-importazzjonijiet.

Il-Grupp tal-BEI jgħin l-iżvilupp ta' SMEs billi jtejjeb l-ambjent finanzjarju fejn huma jaħdmu permezz ta':

- linji ta' kreditu tal-BEI fuq medda ta' żmien medju u twil;
- attivitajiet tal-FEI fil-qasam tal-kapital ta' riskju;
- garanziji tal-FEI għall-SMEs.

Fil-**Pajjiżi Kandidati u Msieħba**, il-Bank jipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-linji politiċi tal-Unjoni dwar l-għajnuna għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni. Huwa jaħdem:

- fil-Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati potenzjali fl-Ewropa tax-Xlokk, fejn jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Patt ta' Stabbilità billi jorjenta s-self tiegħu mhux biss lejn ir-rikostruzzjoni ta' infrastruttura bażika u proġetti b'dimensjoni reġjonali, iżda wkoll żvilupp fis-settur privat;
- fil-pajjiżi Mediterranji mhux membri billi jgħin sabiex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sħubija Ewro-Mediterranja bil-għan li tinħoloq żona ta' kummerċ ħieles sal-2010;
- fl-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), l-Afrika t'Isfel u l-PTB (Pajjiżi u Territorji Barranin), fejn jippromwovi l-iżvilupp ta' infrastruttura bażika u s-settur privat lokali;
- fl-Ażja u l-Amerika Latina, fejn jappoġġa proġetti ta' interess reċiproku għall-Unjoni u għall-pajjiżi kkonċernati.

# L-Indirizzi tal-Grupp tal-BEI

## Il-Bank Ewropew tal-Investiment

**www.eib.org - info@eib.org**

98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
(+352) 43 79 1
(+352) 43 77 04

*Uffiċċji barranin:*

### L-Awstrija
Mattiellistraße 2-4
A-1040 Wien
(+43-1) 505 36 76
(+43-1) 505 36 74

### Il-Belġju
Rue de la loi 227 / Wetstraat 227
B-1040 Bruxelles / Brussel
(+32-2) 235 00 70
(+32-2) 230 58 27

### Il-Bulgarija
2a Saborna Street
1000 Sofia
(+359) 29 26 42 90
(+359) 29 26 42 00

### Il-Finlandja
Fabianinkatu 34
PL 517
FI-00101 Helsinki
(+358) 10 618 0830
(+358) 92 78 52 29

### Il-Ġermanja
Lennéstraße 11
D-10785 Berlin
(+49-30) 59 00 47 90
(+49-30) 59 00 47 99

### Franza
21, rue des Pyramides
F-75001 Paris
(+33-1) 55 04 74 55
(+33-1) 42 61 63 02

### Il-Greċja
1, Herodou Attikou & Vas. Sofias Ave
GR-106 74 Athens
(+30-210) 68 24 517
(+30-210) 68 24 520

### L-Italja
Via Sardegna 38
I-00187 Roma
(+39) 06 47 19 1
(+39) 06 42 87 34 38

### Il-Polonja
Plac Piłsudskiego 1
PL-00-078 Warszawa
(+48-22) 310 05 00
(+48-22) 310 05 01

### Il-Portugall
Avenida da Liberdade, 190-4° A
P-1250-147 Lisboa
(+351) 213 42 89 89
(+351) 213 47 04 87

### Ir-Renju Unit
2 Royal Exchange Buildings
London EC3V 3LF
(+44) 20 73 75 96 60
(+44) 20 73 75 96 99

### Ir-Rumanija
Str. Vasile Lascar 31
020492 Bucureşti, Sector 2
(+40-21) 208 64 00
(+40-21) 317 90 90

### Spanja
Calle José Ortega y Gasset, 29, 5°
E-28006 Madrid
(+34) 914 31 13 40
(+34) 914 31 13 83



*Fuq il-websajt tal-Bank, wieħed jista' jsib il-lista aġġornata ta' l-uffiċċji eżistenti kif ukoll l-indirizzi u n-numri tat-telefon tagħhom.*

**L-Afrika t'Isfel**
5 Greenpark Estates
27 George Storrar Drive
Groenkloof
0181 Tshwane (Pretoria)
(+27-12) 425 04 60
(+27-12) 425 04 70

**Il-Paċifiku**
Level 32, ABN AMRO Tower
88 Phillip Street
Sydney NSW 2000
L-Awstralja
(+61-2) 82 11 05 36
(+61-2) 82 11 05 38

**L-Eġittu**
6, Boulos Hanna Street
Dokki, 12311 Giza
(+20-2) 333 66 583
(+20-2) 333 66 584

**Il-Gżejjer tal-Karibew**
1, Boulevard du Général de Gaulle
F-97200 Fort-de-France
(+596) 596 747 310
(+596) 596 561 833

**Il-Kenja**
Africa Re Centre, 5th floor
Hospital Road, PO Box 40193
KE-00100 Nairobi
(+254-20) 273 52 60
(+254-20) 271 32 78

**Il-Marokk**
Riad Business Center
Aile sud, Immeuble S3, 4e étage
Boulevard Er-Riad
Rabat
(+212) 5 37 56 54 60
(+212) 5 37 56 53 93

**Is-Senegal**
3, rue du Docteur Roux
BP 6935, Dakar-Plateau
(+221) 338 89 43 00
(+221) 338 42 97 12

**It-Tuneżija**
70, avenue Mohamed V
TN-1002 Tunis
(+216) 71 28 02 22
(+216) 71 28 09 98

**It-Turkija**
Büyükdere Caddesi
N°195, 4th Floor
1. Levent
TR-34394 Istanbul
(+90-212) 317 90 10
(+90-212) 269 77 77

Uğur Mumcu Caddesi
N° :88, Kat: 8
Gaziosmanpaşa
TR-06700 Ankara
(+90-312) 405 60 50/51
(+90-312) 446 85 05

## Il-Fond Ewropew tal-Investiment

**www.eif.org - info@eif.org**

96, boulevard Konrad Adenauer
L-2968 Luxembourg
(+352) 42 66 88 1
(+352) 42 66 88 200



*Ir-ritratti u l-istampi kienu fornuti mill-Workshop tal-Grafika tal-BEI.*

*Stampat f'Mayenne minn Jouve fuq karta MagnoSatin b'linka bbażata fuq żejt mill-ħaxix. Iċċertifikata skont ir-regoli tal-Forest Stewardship Council (FSC), il-karta tikkonsisti minn 100% ta' fibra mhux maħduma (mil-liema tal-inqas 50% ġejja minn foresti kkontrollati sew).*

Rapport Annwali 2008 • Volum I



Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

Grupp tal-Bank
Ewropew
tal-Investiment

ISBN 978-92-861-0819-8

© BEI – 05/2009 – MT

QH-AD-09-001-MT-C

ISSN 1830-7337